

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Wopke HOEKSTRA****Il-Klima, l-Emissjonijiet Zero Netti u t-Tkabbir Nadif****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Għalija kien unur u privileġġ li nservi bħala l-Kummissarju Ewropew għall-Azzjoni Klimatika fil-Kummissjoni li waslet fi tmiemha mmexxija mill-President Ursula von der Leyen. Jien motivat ħafna biex inkompli nagħmel il-parti tiegħi għal Unjoni Ewropea li tagħti r-riżultati għall-ġid taċ-ċittadini u tal-ekonomija tagħha, għall-futur tagħhom fil-prospertà u s-sikurezza, u għal Unjoni li postha u r-responsabbiltà tagħha fid-dinja teħodhom bis-serjetà.

Wieħed mill-elementi storiċi li sawru 'l tfuliti fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, kien bla dubju l-Gwerra Bierda, is-separazzjoni kiefra tal-Ewropa b'purtiera u ħajt. Minn età żgħira tgħallimt li ma nieħu qatt bħala ovvju l-privileġġ tal-paċi, tal-prospertà u tal-kooperazzjoni, u li għandi nistinka għalih. U għalhekk, is-snin tiegħi f'Ruma u aktar tard f'Berlin u Fontainebleau, tawni l-opportunità ngħix u naħdem barra minn pajjiżi, nistudja l-lingwi barranin u nesperjenza modi differenti ta' għajxien, iżda l-aktar importanti hu li tawni l-opportunità nitgħallem ukoll dwar il-valuri u l-aspirazzjonijiet komuni tagħna bħala Ewropej. Dawn irridu niddefenduhom. Huma l-qadi tal-kawża pubblika u t-teħid tar-responsabbiltà li wassluni biex nabbanduna l-karriera tiegħi fis-settur privat u niddedika ruħi għas-servizz pubbliku, l-ewwel fin-Netherlands u, minn Ottubru 2023, fl-Unjoni Ewropea.

Fil-ħajja professjonali tiegħi kelli l-opportunità li naħdem ma' ħafna sħab differenti madwar l-Unjoni. Bħala Ministru tal-Finanzi, ħdimt flimkien mal-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika u fuq fajls bħall-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-ekoloġizzazzjoni tal-finanzi Netherlandiżi, u t-tnedija tal-“Fond għat-Tkabbir” (*Groefonds*) biex jiżiedu l-investimenti fit-tkabbir sostenibbli. Barra minn hekk, taħt is-superviżjoni tiegħi, in-Netherlands introduċew leġiżlazzjoni kontra l-kumpaniji tal-isem u indirizzaw il-kwistjoni ta' pagamenti ta' royalties lil ġuriżdizzjonijiet mhux kooperattivi u b'rati baxxi ta' taxxi.

Kemm domt Ministru Netherlandiż għall-Affarijiet Barranin, ħdimt mal-kollegi tiegħi fuq l-isfidi l-kbar ta' żminijietna, inklużi l-gwerra, is-sigurtà, it-theddiet u t-tibdil fil-klima, u din il-ħidma wrietni l-importanza tal-kooperazzjoni. Bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin, għamilt l-almu tiegħi biex naħdem għal Ewropa aktar ġeopolitika, billi nwassal l-armi lill-Ukrajna u nżomm lir-Russja legalment responsabbli. Aħna, bħala l-Unjoni Ewropea, nistgħu nindirizzaw dawn l-isfidi bl-aħjar mod billi naħdmu flimkien — domestikament fl-Ewropa iżda wkoll globalment.

Fil-pożizzjoni l-aktar reċenti tiegħi, bħala Kummissarju għall-Azzjoni Klimatika, flimkien mal-Kulleġġ, ħdimt mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex niżviluppaw, nadottaw u nimplimentaw il-politiki meħtieġa għall-ksib tan-newtralità klimatika sal-2050 u għall-għanijiet klimatiċi tagħna għall-2030. Hija l-konvinzjoni profonda tiegħi li neħtieġu li ngħaqqu l-azzjoni klimatika ma' żieda fil-kompetittività u ma' ekonomija prospera li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Ħdimt biex niffaċilita l-leġiżlazzjoni dwar il-klima, bħall-istandards għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi heavy-duty u ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju.

Madankollu, l-Ewropa ma tistax issolvi l-isfidi tat-tibdil fil-klima waħedha. Għalhekk, tajt spinta lill-azzjoni globali tal-Kummissjoni dwar it-tibdil fil-klima, filwaqt li onorajt l-impenn tagħna għall-Ftehim ta' Pariġi. Flimkien mal-President von der Leyen, ħdimt mas-sħab tagħna madwar id-dinja għal eżitu ta' suċċess tan-negozjati tal-COP28, li rriżulta f'impenn globali tal-irduppar tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika, it-triplikar tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u t-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili bħala parti mir-Rendikont Globali.

Nittama li nista' ngħid li ssodisfajt l-impenni li ħadt 12-il xahar ilu meta saruli l-mistoqsijiet bħala Kummissarju nnominat fil-Parlament, u niżgurakom li dan se jerġa' jkun il-każ jekk il-Parlament jonorani bil-fiduċja tiegħu. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, se nagħmel l-almu tiegħi biex nibqgħu fi triqitna ħalli niksbu n-newtralità klimatika filwaqt li nkabbiru l-ekonomija tagħna.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli biex il-kumpaniji tagħna jibdeu it-tranżizzjoni. Għodod bħall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) se jappoġġaw l-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE u se jiżguraw li l-azzjoni klimatika ma tiġix imminata mir-rilokazzjoni tal-produzzjoni lejn pajjiżi b'politiki klimatiki inqas ambizzjużi. Jiena se ngħin biex niżviluppa l-istadju li jmiss f'din it-tranżizzjoni. Dan se jinkludi proposta biex tiġi stabbilita mira ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' 90 % għall-2040 fil-Liġi Ewropea tagħna dwar il-Klima. L-iżgurar tal-kompetittività u tranżizzjoni ġusta se jippermettilna nilħqu din il-mira tal-2040. Se mmexxi 'l quddiem ukoll Pjan Ewropew dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, f'konformità mal-linji gwida politiki tal-President elett u bi tkompli ta' l-ħidma tagħna fuq ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, il-preparatezza u l-ġestjoni tar-riskju. L-isforzi tagħna biex nimmitigaw it-tibdil fil-klima filwaqt li nadattaw u nħejju għat-tibdil fil-klima jipprovdu oppurtunitajiet biex inkunu minn ta' quddiem fl-ekonomija. Għalhekk, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u l-Istrateġija Industrijali, u filwaqt li nikkollabora ma' Kummissarji kkonċernati oħra, se niżviluppa l-Patt għal Industrija Nadifa b'enfasi fuq id-dekarbonizzazzjoni, it-teknoloġiji nodfa u l-inċentivar tal-investimenti.

Ninsab konvint bis-sħiħ li l-qasam tat-tassazzjoni għandu rwol kruċjali fl-appoġġ tal-kompetittività, tal-prospertà u tal-ġustizzja u għall-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni doppja. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se ninvesti l-isforzi tiegħi biex insib modi ħalli s-sistemi tat-taxxa tagħna jappoġġaw dawn l-oġettivi. Jien se naħdem b'mod partikolari lejn tassazzjoni fuq l-enerġija u miżuri tat-taxxa li jinċentivaw l-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa, u se nesplora kif is-sistemi tal-VAT jistgħu jsiru aktar ekoloġiċi. Il-ġustizzja fit-tassazzjoni tiddependi wkoll fuq il-għieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Għalhekk, se naħdem biex inżomm l-oġġla livell ta' ambizzjoni fl-Ewropa. B'mod komplementari għall-isforzi domestiċi tagħna, se naħdem mal-Istati Membri fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riforma tat-taxxa internazzjonali.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, inkun onorat u kburi li ningħaqad ma' Kulleġġ immexxi minn President tal-Kummissjoni li saret l-ewwel President mara fl-2019. Fil-karriera professjonali kollha tiegħi jiena dejjem appoġġajt l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ukoll billi żgurajt li t-timijiet tiegħi stess ikunu bbilanċjati f'dan ir-rigward. Iżda d-diversità tmur lil hinn mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri. It-timijiet bid-diversità huma t-timijiet li jkollhom l-aħjar prestazzjoni, u għaldaqstant, fejn nista', se nipromwovi d-diversità. Bħala missier, jiena konxju ħafna li parti mir-responsabbiltà tiegħi bħala ġenitur, iżda wkoll fis-servizz pubbliku, hija li niżgura li t-tfal tagħna jirtu kontinent u pjaneta li joffrullhom il-prospertà u l-kontentizza. Għal dan l-għan, il-vuċijiet tagħhom għandhom jinstituzzjoni. Fir-rwol attwali tiegħi, involvejt ruħi regolarment maż-żgħażaġh b'rabta mal-politiki dwar il-klima, kemm jekk huma Ambaxxaturi tal-Patt Klimatiku, kemm jekk huma bdiewa żgħażaġh jew individwi żgħażaġh li jappoġġaw kawża speċifika, biex niżgura li l-perspettivi tagħhom jiġu kkunsidrati. Ninsab impenjat li nkompli dan l-involvement tal-vuċijiet żgħażaġh permezz tad-Djalogi maż-Żgħażaġħ, li ħerqan li nniedi fl-ewwel 100 jum tal-mandat.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se naġixxi f'konformità sħiħa mal-forma u s-sustanza tat-Trattati u mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji. Miniex se nieħu struzzjonijiet minn xi gvern jew xi entità oħra, u dejjem se naġixxi fl-interess Ewropew. F'każ li tinqala' xi sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess, jew fejn ikun hemm dubju dwar l-imparzjalità tiegħi, ninforma minnufih lill-President. Id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi hija pubblika u kompluta, u nimpenja ruħi li niżgura li tiġi aġġornata jekk iċ-ċirkostanzi personali tiegħi jinbidlu.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Wara li ħdimt mill-qrib mal-Parlament Ewropew fir-rwol attwali tiegħi bħala Kummissarju għall-Azzjoni Klimatika, ksibt esperjenza diretta tat-tmexxija, tal-għarfien espert u tal-impenn tal-Parlament għall-aġenda tagħna għall-azzjoni klimatika sal-2050. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nerġa' nimpjenja ruħi li naħdem mal-Parlament u li nirrispetta bis-sħiħ ir-rwol istituzzjonali u d-drittijiet tiegħu fil-qasam tal-klima, tal-emissjonijiet żero netti, tat-tkabbir nadif u tat-tassazzjoni. Niżgura wkoll li s-servizzi taħt ir-responsabbiltà tiegħi japplikaw l-istess spirtu ta' kooperazzjoni u rispettt lejn ir-rwol tal-Parlament fl-oqsma ta' politika rispettivi.

Taħt it-tmexxija tal-President, se naħdem mill-qrib mal-Membri kollha tal-Kulleġġ. Biex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza sħaħ tal-ħidma tagħna, il-kooperazzjoni mill-qrib kemm mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva kif ukoll mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertità u l-Istrateġija Industrijali se tkun ċentrali għalija, kif se tkun ukoll il-ħidma ma' Kummissarji oħra, inkluż dawk tas-servizzi finanzjarji, tal-ambjent u r-reżiljenza tal-ilma, tal-agrikoltura, tal-enerġija, tat-trasport, tal-kummerċ iżda wkoll tas-simplifikazzjoni.

Jiena dejjem emmint li biex naħdmu lejn objettivi komuni u niżguraw eżiti ta' suċċess, kemm jista' jkun għandna nibnu fuq id-djalogu regolari, fuq il-kooperazzjoni, fuq il-fiduċja reċiproka u fuq it-trasparenza. Jiena nintrabat bis-sħiħ li nikkoopera b'rieda tajba mal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Ftehim Qafas. Dan japplika għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI, Committee on Environment, Public Health and Food Safety), il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari (ECON, Committee on Economic and Monetary Affairs) u s-Sottokumitat tiegħu għall-Kwistjonijiet Fiskali (FISC, Subcommittee on Tax Matters), il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE, Committee on Industry, Research and Energy) u kwalunkwe Kumitat ieħor b'interess fil-klima, fl-emissjonijiet żero netti, fit-tkabbir nadif u fit-tassazzjoni, u bi ħtieġa għal djalogu.

Wara li ksibt esperjenza mill-qrib ta' ħafna interazzjonijiet diretti differenti mal-Parlament, jiena mhux biss inqishom bħala dmir istituzzjonali iżda bħala l-pedament tar-relazzjonijiet tagħna u l-pedament għat-tfassil u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nkompli nipparteċipa fid-dibattiti parlamentari u ninvolvi ruħi mal-Parlament u mal-Membri tiegħu fid-diversi formati fl-oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi. Jien impenjat li neżerċita r-rwol tal-Kummissjoni fil-proċess leġiżlattiv, inkluż fil-laqgħat tat-trilogu bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, b'rispettt sħiħ tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u l-Ftehim Qafas bejn iż-żewġ istituzzjonijiet tagħna. Bħala intermedjarju onest, se nittratta lill-Parlament u lill-Kunsill fuq bażi ugwali u se nippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti kif xieraq, filwaqt li nirrispetta d-drittijiet u l-obbligi istituzzjonali tagħhom skont it-Trattati tal-UE.

F'konformità mal-Ftehim Qafas, nintrabat ukoll li nagħmel ħilti biex niżgura li r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew fil-portafoll tiegħi tingħatalhom tweġiba fi żmien tliet xhur. Fil-linji Gwida Poliċi tagħha, il-President elett impenjat ruħha li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 tal-Parlament, billi l-Kummissarji jieħdu sehem fi djalogi strutturati mal-Kumitati Parlamentari dwar dawn ir-riżoluzzjonijiet. Jiena nintrabat li niżgura dan id-djalogu fl-oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi. Kif urejt s'issa permezz tad-diversi interazzjonijiet formali u informali tiegħi mal-Parlament, se nkompli naċċetta laqgħat, ittri u mistoqsijiet mill-Membri tal-Parlament mill-aħjar li nista' u bl-akbar ħeffa. Kien importanti għalija personalment iżda wkoll għas-suċċess tal-ħidma tagħna li involvejt ruħi b'mod proattiv mal-ispettru politiku kollu tal-Parlament Ewropew qabel u matul in-negozjati tal-COP28 u dwar il-fajls l-oħra kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħi, u se nkompli nagħmel dan. Se nimmonitorja l-infurzar u l-implimentazzjoni tal-politiki taħt l-oqsma ta' responsabbiltà tiegħi, u se nikkomunika dwar dan lill-kumitati parlamentari rilevanti responsabbli.

Permezz tal-esperjenza tiegħi bħala Membru elett fis-Senat Netherlandiż mill-2011 sal-2017, u aktar tard bħala l-Ministru tal-Finanzi, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Viċi Prim Ministru, u issa bħala Kummissarju Ewropew, jiena konxju ħafna mill-importanza ta' relazzjonijiet ta' ħidma tajbin u ta' interazzjonijiet regolari. Għalhekk, dejjem rajt li nikkuntattja b'mod proattiv lill-Membri tal-Parlament, biex nibnu l-fiduċja u naħdmu flimkien lejn appoġġ wiesa'. Fl-esperjenza tiegħi, dan għen biex jitwasslu soluzzjonijiet mhux biss fi proċessi leġiżlattivi regolari iżda ppermetta t-tiswir tal-fiduċja u tar-rispettt, li huma meħtieġa saħansitra aktar fi żminijiet ta' urġenza jew ta' deċiżjonijiet ta' politika ewlenin, bħall-indirizzar tal-pandemija tal-COVID-19, l-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna u l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, nistenna li xi drabi se niffaċċjaw ukoll sfidi biex insibu soluzzjonijiet u nilħqu ftehim. Madankollu, dawn huma l-mumentu fil-politika meta skambju miftuħ, b'fiduċja u rispett jista' jgħin biex insibu l-bażi komuni. Il-bieb tiegħi kien u se jibqa' dejjem miftuħ, u ninsab kuntent li ħafna minnkom ittestjawni b'suċċess dwar dan l-impenn li tajtkom sena ilu.

Bis-slogan ta' ħidma flimkien għall-Ewropa u ta' ħidma eqreb tal-Ewropej, il-President elett, flimkien mal-Kulleġġ il-ġdid tagħha, se toħloq Kummissjoni aktar preżenti lokament, preżenti aktar ta' spiss u preżenti f'aktar reġjuni. Jiena naqbel bis-sħiħ ma' din l-aġenda. Bħala l-unika istituzzjoni eletta direttament miċ-ċittadini fis-27 Stat Membru kollha, il-Parlament Ewropew jirrappreżenta din il-vuċi unika. Ninsab impenjat li nżur l-Istati Membri regolament u kull meta jkun possibbli. Ħerqan li ninżel fil-livell lokali — fil-bliet, fl-irħula, fiż-żoni rurali u remoti — biex niltaqa' maċ-ċittadini u niddiskuti magħkom il-bżonnijiet u l-oġettivi tagħhom. Skambji bħal dawn kienu fost l-esperjenzi l-aktar rikki u progressivi fir-rwoli passati tiegħi fis-servizz pubbliku u bħalissa bħala Kummissarju Ewropew.

Id-djalogu, ir-rispett, u l-ispiritu ta' kooperazzjoni onesta huma kruċjali għalija biex naqdi l-interess pubbliku. Jiena nikkommetti ruħi li nużahom fil-ħidma tiegħi magħkom dwar il-klima, iż-zero nett, it-ktabbir nadif, it-tassazzjoni u lil hinn.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij

### **It-Tassazzjoni Korporattiva u l-Ġlieda kontra l-Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni u l-Evitar tat-Taxxa**

*3. Kif qed tippjana li tappoġġja l-kompetittività fl-UE permezz ta' politiki tat-taxxa, biex tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-piż tat-taxxa b'mod partikolari għal kumpaniji iżgħar, filwaqt li tkompli l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa? Liema strateġija għandek f'moħħok biex tegħleb l-unanimità fil-Kunsill għall-adozzjoni ta' inizjattivi komuni tal-UE dwar it-tassazzjoni korporattiva, bħal DEBRA, HOT u BEFIT, u proposti kontra l-evitar tat-taxxa bħall-indirizzar ta' kumpaniji fittizji abbużivi fl-UE? Se tressaq proposta biex tiżgura li l-assi u l-muniti diġitali ma jsirux mezz għall-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa?*

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se naħdem biex l-inizjattivi tat-taxxa tal-UE jkollhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-kompetittività, tal-prosperità u tal-ekwità soċjali tal-Ewropa filwaqt li nkompli l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa.

Il-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa jinsabu fuq quddiem nett tal-aġenda politika tal-Kummissjoni Ewropea għas-sinjura li ġejjin. Biex dan jinkiseb, in-negozju fl-Ewropa għandu jkun jista' jsir b'mod aktar faċli u mgħaġġel, speċjalment għall-SMEs. Huwa għalhekk li kull Kummissarju se jingħata l-kompitu li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi u jtejjeb is-simplifikazzjoni. Qed nippjana li nmexxi din l-aġenda billi niprijorizzazzjoni l-ħidma meħtieġa biex ir-regoli eżistenti tal-UE dwar it-tassazzjoni korporattiva jiġu simplifikati u konsolidati. Suq intern li jiffunzjona tajjeb huwa kruċjali għall-kompetittività tagħna, u huwa vitali li nżommu l-pass mal-evoluzzjoni tas-swieq globali li jikkompetu. Għal dan l-għan, se jkun importanti li jiġi indirizzat, fejn meħtieġ, ix-xenarju frammentat tal-leġiżlazzjoni tat-taxxa korporattiva fl-UE. Se nkompli l-ħidma fuq ir-riforma tat-tassazzjoni korporattiva f'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, bl-għan li nissimplifika l-qafas leġiżlattiv, u nindirizza l-ostakli li jirrestrinġu l-kapaċità tal-kumpaniji tagħna li jespandu u jagħmlu l-aħjar użu mis-suq intern.

Se nibda bl-ittestjar tal-istress tal-acquis attwali tal-UE dwar it-taxxa biex nidentifika u nindirizza l-inkonsistenzi, pereżempju d-duplikazzjonijiet, u l-kontradizzjonijiet jew ir-regoli skaduti, pereżempju billi nwettaq evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti, biex nittestja l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tad-direttivi attwali dwar it-taxxa diretta. S'issa, il-Kummissjoni nediet evalwazzjonijiet għal żewġ direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, b'mod partikolari d-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD, Anti-Tax Avoidance Directive) u d-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC, Directive on Administrative Cooperation). Dan se jiffirma parti minn aġenda usa' biex, fejn meħtieġ, jiġi ssimplifikat l-acquis tal-UE dwar it-taxxa diretta, u biex ikun hemm aktar simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet f'konformità mal-impenn tal-President li l-obbligi ta' rapportar jitnaqqsu b'mill-inqas 25 % u 35 % għall-SMEs tal-UE. Dan l-eżami tad-direttivi se jippermetti li jiġu identifikati kemm duplikazzjonijiet potenzjali kif ukoll lakuni u oqsma fejn il-leġiżlazzjoni tista' tibbenefika minn formulazzjonijiet aktar ċari jew minn dispożizzjonijiet imsafha.

Funzjonament aħjar tas-suq intern jikkonċerna wkoll il-ħolqien ta' qafas għal xenarju tat-taxxa li jkun reżiljenti għall-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa. Hekk kif it-teknoloġiji u ċ-ċirkostanzi jevolvu b'mod kostanti u joffru opportunitajiet ġodda għall-evitar u l-evażjoni, biħsiebni nkompli nsegwi l-implimentazzjoni u l-

infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-taxxa diretta. Il-ftehim globali dwar ir-riforma tat-taxxa internazzjonali kien stadju importanti storiku, li jintroduċi rata tat-taxxa effettiva minima globali għal gruppi ta' kumpaniji kbar. Apparti l-għbir ta' informazzjoni dwar it-taxxa, huma essenzjali wkoll l-eliminazzjoni jew il-mitigazzjoni tad-distakki fiskali. F'dan ir-rigward, l-UE tista' tappoġġa l-amministrazzjonijiet tat-taxxa billi taqşam l-aħjar Prattiki u tiżviluppa metodoloġiji rigorużi għall-kalkolu tad-distakki fiskali.

Il-proċedura leġiżlattiva speċjali li teħtieġ ftehim unanimu bejn l-Istati Membri hija karatteristika ta' sfida tal-ħolqien tal-politika tat-tassazzjoni tal-UE. Għadha rilevanti għall-Istati Membri b'rabta maż-żamma tas-sovranià fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaffettwaw b'mod dirett l-ekonomiji u l-erari tagħhom. Dan imbagħad jispjega n-nuqqas ta' rieda tal-Istati Membri fir-rigward tal-prospett li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' tassazzjoni jiġu adattati għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, nagħmel l-aħjar sforzi tiegħi biex inkompli nikseb riżultati b'rabta mal-proposti tat-tassazzjoni korporattiva permezz ta' interazzjoni xierqa mal-Istati Membri kollha.

Ta' min jinnota li matul il-mandat tal-Kummissjoni preċedenti, diversi proposti ewlenin dwar it-taxxa diretta ġew maqbula b'mod unanimu mill-Istati Membri; inklużi d-Direttivi dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-Qasam tat-Tassazzjoni 7 (Pjattaformi Diġitali) u 8 (Tranżazzjonijiet tal-Kriptoassi), id-Direttiva dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni (il-Pilastru 2) u aktar reċentement, id-Direttiva dwar Helsen Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi (FASTER).

Il-proposta biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn (DEBRA, Debt Equity Bias) ilha ma tiġi diskussa b'mod attiv fil-Kunsill mill-2022. Se neżamina r-rieda tal-Istati Membri li jikkunsidraw din l-inizjattiva mill-ġdid fid-dawl tal-aġenda tal-kompetittività primarja tal-mandat il-ġdid u fid-dawl tal-ambizzjoni biex tiġi żviluppata Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Barra minn hekk, se naħdem biex nidentifika soluzzjonijiet innovattivi għal qafas tat-taxxa koerenti għas-settur finanzjarju tal-UE, bl-għan li tiġi appoġġata l-integrazzjoni ulterjuri tas-settur finanzjarju, jiġu ffaċilitati l-operazzjonijiet transfruntiera u jitrawmu d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni diġà bdiet studju biex teżamina modi possibbli ta' tassazzjoni tas-settur finanzjarju.

Il-proposta "L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu" (BEFIT, Business in Europe: Framework for Income Taxation) hija proġett fit-tul. L-iżvilupp ta' qafas komuni tat-taxxa korporattiva fl-UE ilu objettiv ewleni għal ħafna snin, u se jkompli jkun prijorità. Fis-snin li ġejjin, jista' jkun li jkollna bżonn inħarsu lejn din il-proposta mil-lenti tal-esperjenzi tagħna bil-Pilastru 2, li diġà beda jbidel ix-xenarju tat-taxxa internazzjonali.

Ninsab konxju mid-diffikultajiet fil-klassifikazzjoni, fil-valutazzjoni u fl-amministrazzjoni tal-kriptoassi. Dan jista' jgħidli sfidi għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa li jfittxu li jintaxxawhom b'mod ġust u effettiv. Is-servizzi tal-Kummissjoni ħadmu mal-Istati Membri biex jiffaċilitaw u jrawmu l-kondiviżjoni ta' esperjenzi u Prattiki tajba f'dan il-qasam. Flimkien mar-regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MICA, Markets in Crypto-Assets), li se jirregola l-emittenti tal-kriptoassi u dawk li jipprovdu servizzi relatati mal-kriptoassi, id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-Qasam tat-Tassazzjoni (DAC 8, Directive on Administrative Cooperation in the field of taxation) se ttejjeb it-trasparenza fiskali fuq it-tranżazzjonijiet tal-kriptoassi u se tnaqqas ir-riskju ta' frodi, evażjoni u evitar tat-taxxa. Ninsabu lesti li ninvestigaw dawn il-kwistjonijiet aħjar fejn meħtieġ.

#### **Ftehim tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erozzjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Proffitti dwar l-Ewwel Pilastru u t-Tieni Pilastru**

*4. Il-ftehim tal-Pilastru II tal-OECD dwar ir-rata tat-taxxa effettiva minima ta' 15% jinkludi konċessjonijiet li jistgħu jħallu opportunitajiet għal ippjanar aggressiv tat-taxxa. X'se tagħmel biex tindirizza t-trasferiment tal-proffitti korporattivi u l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża fi ħdan l-UE u fil-konfront ta' pajjiżi terzi, meta jitqiesu l-konċessjonijiet tal-ftehim globali dwar it-taxxa? Il-Kummissjoni Ewropea biħsiebha tressaq proposta, f'każ ta' nuqqas ta' ratifika minn massa kritika ta' pajjiżi tal-Konvenzjoni Multilaterali fir-rigward tal-ftehim tal-Pilastru I?*

It-trażżin tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn gruppi kbar ta' kumpaniji huwa objettiv ewleni tal-Ftehim tal-Pilastru 2, u huwa rifless b'mod ċar fir-Regoli Mudell tal-OECD u fid-Direttiva tal-UE dwar il-"Pilastru 2" (il-"P2D", Pillar 2 Directive). Dawn ir-regoli huma parti minn riforma ewlenija li għandha l-għan li tqiegħed limitu minimu fuq il-kompetizzjoni fuq ir-rati tat-taxxa korporattiva permezz tal-istabbiliment ta' livell minimu ta' tassazzjoni fil-livell globali.

Skont *data* reċenti mill-OECD ([The Global Minimum Tax and the taxation of MNE profit \(It-Taxxa Minima](#)

[Globali u t-tassazzjoni tal-profitt tal-MNE\) | OECD](#), il-Pilastru 2 se jiġġenera gwadanji stmati ta' dħul ta' USD 155-192 biljun fis-sena (abbażi ta' *data* għall-perjodu 2017-2020). Filwaqt li madwar żewġ terzi ta' dawn il-gwadanji mistennija jiġu direttament mit-taxxa minima, madwar terz minnhom mistenni jirriżulta indirettament permezz ta' trasferiment imnaqqas tal-profitti.

Ħames snin ilu, ftit kienu jaħsbu li kien ikun possibbli ftehim globali dwar l-iżgurar ta' tassazzjoni minima effettiva tal-kumpaniji multinazzjonali. Il-konċessjonijiet kienu element integrali tal-pakkett ta' kompromess maqbul. Il-konċessjoni tas-sustanza ekonomika għandha l-għan li tqis sitwazzjonijiet fejn ir-riskju ta' Prattika aggressiva jkun limitat, minħabba l-preżenza għolja ta' sustanza. Il-ftehim diġà fih perkors ta' tnaqqis progressiv u ġie nnegozjat bir-reqqa.

Issa huwa kruċjali li l-akbar għadd possibbli ta' ġuriżdizzjonijiet jiġu mħeġġa jimplimentaw il-qafas tal-Pilastru 2. Il-Kummissjoni ilha timpenja ruħha fil-promozzjoni tal-Pilastru 2 f'diversi fora (OECD, NU, eċċ.). Huwa mistenni li madwar 90 % tal-intrapriżi multinazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni se jkunu soġġetti għat-taxxa minima l-ġdida sal-2025, abbażi tal-ġuriżdizzjonijiet li implimentaw jew li ħabbru l-implimentazzjoni. Madankollu, dan mhuwiex biżżejjed biex tiġi ppreservata l-integrità tas-sistema. Minflok, il-parametru ewlieni huwa li jiġi żgurat li mill-2025, l-hekk imsejħa regola ta' "garanzija ta' kontinġenza" (ir-Regola dwar il-Profitti Sottotaxxati - UTPR, Undertaxed Profits Rule) tkopri lill-kontribwenti f'ġuriżdizzjonijiet li ma jimplimentawx, u twassal biex daww b'taxxa baxxa jiġu soġġetti għat-taxxa. Dan huwa l-komponent deċiżiv tal-qafas tal-Pilastru 2 li jista' jiżgura li r-regoli ma joperawx għad-detriment tal-ġuriżdizzjonijiet li jimplimentaw.

Fid-dawl ta' dan, se nkompli nħeġġeġ lill-ġuriżdizzjonijiet impenjati kollha biex jimplimentaw ir-regoli jew biex jikkooperaw malajr fi skambju effettiv ta' informazzjoni, sabiex daww li ssieħbu jkunu jistgħu japplikaw il-Pilastru 2. Se jkun kruċjali li r-regoli jiġu applikati b'mod uniformi u kkoordinat. L-isforzi reċenti kollha fil-livell tal-OECD u tal-Qafas Inklużiv imorru f'din id-direzzjoni. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, ninvolvi ruħi mal-atturi ewlenin kollha, b'mod partikolari l-Istati Uniti. Fl-aħħar nett, jekk ir-regoli jiġu evitati, pereżempju permezz ta' rapportar mhux akkurat, jew saħansitra frodulent, l-Istati Membri jkollhom jużaw is-setgħat tagħhom ta' valutazzjoni u ta' infurzar biex jiggarrantixxu li l-Pilastru 2 ikun jista' jopera mingħajr xkiel.

Nixtieq ninnota wkoll li lil hinn mill-Pilastru 2, il-Kummissjoni qed tkompli bl-isforzi usa' tagħha biex tindirizza l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, pereżempju permezz tal-proposta UNSHELL, li ilha pendenti fil-Kunsill mill-2021.

Fir-rigward tal-Pilastru 1, nagħraf il-ħtieġa urġenti għal tassazzjoni ġusta u effettiva tal-ekonomija diġitali. Ir-regoli internazzjonali attwali tat-taxxa tfaßlu għan-negozji bi preżenza fiżika u ma jkoprox b'mod adegwat il-valur maħluq mill-mudelli ta' negozju diġitali. Il-Kummissjoni kienet sostenitur qawwi tal-ħidma tal-OECD, li ngħatat mandat mill-G20/Qafas Inklużiv, peress li soluzzjoni multilaterali hija aħjar minn proliferazzjoni ta' soluzzjonijiet nazzjonali. Inizjalment, madwar 140 ġuriżdizzjoni wrew l-impenn tagħhom għal dan l-oġġettiv, u jien nappoġġah ukoll f'livell personali.

Il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD hija lesta, u m'għadhiex qed tiġi diskussa. Jeħtieġ li issa naslu għal ftehim dwar l-Ammont B (simplifikazzjoni ta' xi regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment), sabiex jiġi żblukkat il-pakkett kollu. Kif jidher mill-posponimenti ripetuti tal-ftehim, dan huwa kompitu diffiċli. Iżda, fid-dawl ta' dak li nkiseb diġà, nemmen li dan mhuwiex kompitu impossibbli.

Se nibqa' nimpenja ruħi bis-sħiħ favur il-ksib ta' approċċ multilaterali għat-tassazzjoni diġitali. Ikun fl-interess tal-komunità globali li tiġi żgurata soluzzjoni rapida u kkoordinata bħala parti mill-Pilastru 1. Is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mit-tassazzjoni għandhom rwol attiv fid-diskussjonijiet dwar il-Konvenzjoni Qafas futura tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa, li x'aktarx se jkollha kamp ta' applikazzjoni wiesa'.

Fl-aħħar nett, m'għandniex ninsew il-ħidma essenzjali mwettqa fil-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi fuq il-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, li tirrifletti l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi l-istandards internazzjonali ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa f'livell globali. Bis-saħħa ta' dan il-fluss ta' ħidma, ġew emendati jew annullati 160 reġim tat-taxxa dannużi f'aktar minn 60 pajjiż. Il-Kummissjoni tieġu rwol ta' tmexxija biex tippromovi bidliet fil-kriterji tal-elencar tal-UE, li jridu jkomplu jevolvu sabiex jadattaw għal sfidi ġodda. Nirrikonoxxi l-ħtieġa li titkompla l-għieda kontra l-abbuż tat-taxxa u ninsab lest li naħdem fuq koordinazzjoni globali akbar f'dan il-qasam.

## **It-tassazzjoni ambjentali**

5. *Fir-rigward tal-portafolli tiegħek dwar il-klima u t-tassazzjoni, kif se tisfrutta t-tassazzjoni biex tmexxi 'l quddiem l-għanijiet klimatiċi u liema inizjattivi se tistabbilixxi biex tivvaluta l-politiki dwar it-taxxa fuq l-enerġija? Se tohrōg bi proposta ġdida tal-ETD li tinkludi s-suġġerimenti tar-rapport ta' Draghi? Kif qed tippjana li tirrikonċilja l-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 90% sal-2040 fi ħdan in-negozjati attwali tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-ETD? Matul dan il-mandat se tippromponi miżuri biex l-avjazzjoni u t-trasport marittimu jiġu ntaxxati b'mod aktar effettiv?*

Nemmen bis-sħiħ li t-tassazzjoni hija strument ewlieni tal-ipprezzar biex jiġu xprunati l-għanijiet klimatiċi. Għandha l-potenzjal li taġixxi bħala katalizzatur għat-trasformazzjoni, filwaqt li tteġġeg lill-individwi u lin-negozji jagħmlu għażliet aktar sostenibbli. Madankollu, it-taxxi ambjentali tal-UE bħalissa mhumiex armonizzati, u dan iwassal għal nuqqas ta' uniformità fit-tassazzjoni ambjentali u tal-karbonju madwar l-Istati Membri. Dan in-nuqqas ta' koerenza joħloq konfużjoni u jipperikola l-effettività tal-politiki tagħna dwar il-klima. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju għat-tassazzjoni u l-klima, inkun f'pożizzjoni tajba biex nagħmel l-aħjar użu mill-għodod disponibbli u niżgura l-allinjament bejn il-politika tat-tassazzjoni u l-għanijiet klimatiċi. Biex nindirizza din il-kwistjoni, għandi l-għan li ninvolvi ruħi f'diskussjonijiet mal-Istati Membri favur approċċ aktar ibbilanċjat u koerenti għat-tassazzjoni ambjentali. Billi naħdmu flimkien, nistgħu noħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi u niżguraw li l-Istati Membri kollha jkunu allinjati mal-politiki komuni tagħna dwar il-klima u l-ambjent. Pereżempju, hemm lok biex jittejjeb l-użu tat-taxxi ambjentali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fl-UE tinkludi taxxi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD, Energy Taxation Directive). Ir-rapport ta' Draghi jindika li t-taxxi fuq l-enerġija huma parti minn sistema usa' ta' imposti u kostijiet tan-networks. Jiena konxju sew tal-impatt tal-prezzijiet tal-enerġija fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE, u ninsab imħasseb dwar l-impatt tagħhom fuq in-negozji u fuq l-unitajiet domestiċi. Se nirrifletti fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport ta' Draghi, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jissaħħa is-suq intern u biex jiġi żgurat li t-taxxi u l-imposti ma jkollhomx effett negattiv fuq il-prezzijiet tal-enerġija u fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE, filwaqt li nappoġġa l-oġġettivi ta' tranżizzjoni nadifa, flimkien mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni.

Ir-reviżjoni proposta tal-ETD, l-aħħar parti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" li għadha ma ġietx adottata u li bħalissa qed tiġi nnegozjata fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew, tfittex li timmodernizza dan il-qafas billi tallinjah mal-oġġettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. Aspett ewlieni huwa l-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni fejn prodotti li jniġġsu aktar jiġu intaxxati aktar, biex b'hekk jiġu mħeġġa l-użu ta' enerġija aktar nadifa u l-introduzzjoni ta' prodotti ġodda bħall-ammonijaka u l-idroġenu. Sabiex jiġi promoss aktar l-użu tal-elettriku, l-Istati Membri jkunu jistgħu jnaqqsu t-tassazzjoni tal-elettriku pprovdut lill-vetturi elettriċi, lill-ajruplani jew lill-bastimenti (mix-xatt) għal zero. Barra minn hekk, ir-reviżjoni se taġġorna l-istruttura tar-rati tat-taxxa, se tillimita l-kamp ta' applikazzjoni għal eżenzjonijiet u derogi nazzjonali mit-taxxa li jippermettu tnaqqis taħt ir-rati minimi, u tiżgura armonizzazzjoni akbar madwar l-UE, filwaqt li tippreserva l-kapaċità tal-Istati Membri li jiġġeneraw id-dħul. Ir-reviżjoni tal-ETD se tappoġġa lill-UE fil-kisba tal-miri tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, billi tippromwovi l-użu ta' fjuwils aktar sostenibbli jew rinnovabbli, filwaqt li tappoġġa tkabbir kompetittiv, soċjalment ġust u sostenibbli fl-UE. Il-kriżi tal-enerġija enfasizzat id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili minn pajjiżi terzi. L-ETD riveduta se jkollha rwol ewlieni fl-appoġġ tal-bidla minn dawn is-sorsi ta' enerġija importati lejn enerġija li tista' tiġi prodotta fl-UE, bħall-enerġija rinnovabbli, biex b'hekk l-UE ssir inqas suxxettibbli għax-xokkijiet tas-suq internazzjonali marbuta mal-provvisti minn pajjiżi terzi u inqas dipendenti fuq sorsi ta' enerġija esterni.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Kunsill biex isir progress fil-ksib ta' kompromess, filwaqt li timmira li tissalvagwardja livell għoli ta' ambizzjoni. L-adozzjoni tal-ETD riveduta tista' tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' 90% sal-2040.

Fir-rigward tat-tassazzjoni fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu, nista' ngħid direttament li l-azzjoni f'dawn is-setturi hija importanti ħafna għalija. Biex nippreservaw il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea b'mod ġenerali, irridu ninvolvu lis-setturi kollha biex nilħqu l-miri globali tagħna għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Inkella, il-piż ikun għoli wisq fuq dawk li mhumiex eżentati. Il-proposta għal revizzjoni tal-ETD tfittex li tneħħi l-eżenzjoni obbligatorja applikabbli għall-fjuwil tal-avjazzjoni u l-fjuwil marittimu. Din il-bidla għandha tippermetti li jkun hemm divrenzar fir-rati tat-taxxa għall-fjuwils, skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Dan jagħti vantaġġ lill-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u lill-fjuwils sostenibbli u avvanzati għall-bastimenti fuq il-fjuwils fossili u jgħin biex tingħata spinta lill-investment fil-produttjoni u l-provvista ta' fjuwils tat-trasport sostenibbli fl-Ewropa. Dan huwa suġġett politikament sensitiv għal xi Stati Membri. Huwa kruċjali li jkun hemm azzjoni fil-livell

internazzjonali. Għas-settur tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni tappoġġa b'mod qawwi inizjattivi bħat-Task Force dwar l-Imposti ta' Solidarjetà Globali, u l-Iskema ta' Kumpens għal Emissjonijiet ta' Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organisation). Nistnew li l-ICAO jkollha sistema li tkopri t-titjiriet barra miż-ŻEE li tiżgura tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet. Għal dan l-għan, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-Assemblea tal-ICAO li jmiss fl-2025. Inkella, il-Kummissjoni għandha tipproponi li l-ETS (Emissions Trading System) tiġi estiża għat-titjiriet li jtilqu, kif diġà huwa ddikjarat fid-dritt tal-UE biex jiġi garantit li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika fl-2050. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-adozzjoni ta' mekkaniżmu ambizzjuż għall-ipprezzar tal-gassijiet serra għas-settur marittimu taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Fl-istess ħin, is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) diġà tistabbilixxi prezz għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni u mit-trasport marittimu, filwaqt li tindirizza r-riskju ta' evażjoni.

Fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri, bħalissa hemm applikazzjoni mifruxa ta' rati żero tal-VAT, b'mod partikolari għat-trasport internazzjonali bl-ajru u marittimu, irrispettivament mill-impatt ambjentali tagħhom. Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li t-trasport sostenibbli jiġi rikonċiljat mal-konnettività u l-affordabbiltà, it-tassazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni hija parti minn riflessjoni usa' li l-Kummissjoni bdiet dwar il-futur tal-VAT. Din id-diskussjoni tittratta wkoll skemi speċjali tal-VAT, inklużi dawk applikabbli għall-aġenti tal-ivvjaġġar u għall-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri, kif enfasizzat fir-rapport ta' Enrico Letta dwar is-Suq Uniku.

Biex jiġu kkomplementati l-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, hemm ukoll lok għal ingranaġġ aħjar tal-għodod tal-politika tat-taxxa biex jiġu indirizzati t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali. In-nuqqas relattiv ta' progress fit-tassazzjoni ambjentali jimplika li l-konsumaturi bħalissa jixru wisq prodotti li jniġġsu u jonqsu milli jaqilbu għal alternattivi aktar nodfa, bħal prodotti riċiklati, fejn dan kieku jkun ekonomikament effiċjenti u mixtieq f'livell soċjali. Bl-istess mod, in-negozji nodfa jistgħu jonqsu milli jattiraw finanzjament, filwaqt li n-negozji li jniġġsu jibbenefikaw minn kostijiet kapitali baxxi b'mod ineffiċjenti. Is-servizzi tal-Kummissjoni qed jaħdmu biex jidentifikaw lakuni fil-politika. Għalhekk, għadu kmieni wisq biex nimpjenja ruħi għal strumenti ta' politika speċifiċi, kemm jekk miżuri ta' liġi mhux vinkolanti bħal rakkomandazzjonijiet jew miżuri aktar ambizzjużi, bħal pereżempju l-introduzzjoni ta' valuri minimi tal-UE għal taxxi ambjentali għajr taxxi fuq l-enerġija, iżda nista' nimpjenja ruħi għal spinta aktar deċiżiva favur miżuri bbażati fuq is-suq fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ambjentali b'mod aktar komprensiv.

Bħala konklużjoni, it-tassazzjoni se jkollha rwol kritiku fil-kisba tal-għanijiet klimatiki tal-UE. Se naħdem mill-qrib magħkom, mas-servizzi tal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex nilħqu bilanċ li jirrifletti kemm l-ambizzjonijiet ambjentali tagħna kif ukoll il-ħtiġijiet ekonomiċi taċ-ċittadini tagħna filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tal-industrija tagħna.

#### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

*6. Bħala parti mid-diplomazija tal-UE dwar it-tibdil fil-klima, x'se tagħmel biex tiżgura sforzi kollettivi mill-partijiet kollha, speċjalment l-ekonomiji ewlenin u emerġenti, biex jiżdiedu l-azzjonijiet lejn il-kisba tal-għan fit-tal-Ftehim ta' Pariġi? X'inhuma l-prijoritajiet tiegħek għall-COP29? X'miżuri konkreti se tipproponi bħala segwitu tal-ftehim fil-COP28 għat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-settur tal-enerġija? Skont l-ittra ta' missjoni tiegħek, se tiżviluppa qafas tal-UE għall-eliminazzjoni gradwali tas-susidji għall-fjuwils fossili. Kif biħsiebek tħaddem dan il-qafas biex tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fit-tmien EAP, filwaqt li xorta tiżgura s-sigurtà tal-enerġija u tnaqqas id-dipendenzi?*

L-objettiv ewlieni tad-diplomazija tal-UE dwar il-klima huwa li jiġu stimulati l-ambizzjoni u l-investment. Irridu nħeġġu lill-pajjiżi sħab tagħna biex jiddefinixxu u jilħqu miri klimatiki ambizzjużi allinjati mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. L-isforzi ta' suċċess tal-UE stess għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ifissru li llum aħna responsabbli biss għal 6 % tal-emissjonijiet globali. Għall-protezzjoni tal-klima u tal-pjaneta tagħna, huwa kruċjali li jiġu indirizzati wkoll l-94 % l-oħra. L-aġġornament li jmiss tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali tal-pajjiżi se jkun kruċjali għat-twassil tal-Kunsens u r-Rendikont Globali tal-UAAE tal-COP28 maqbul f'Dubai. Għall-COP30 fil-Brażil u lil hinn, bl-għajnuna ta' Membri oħra tal-Kulleġġ, se nikkontribwixxi biex nistabbilixxu l-viżjoni globali tagħna dwar il-klima u l-enerġija.

B'mod konkret, se nippromwovi l-ipprezzar tal-karbonju bħala element essenzjali ta' taħlita ta' politiki usa' biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Dan jista' joħloq kundizzjonijiet tas-suq li jsaħħu l-argument għall-vijabbiltà għad-dekarbonizzazzjoni u li jaċċelleraw it-tranżizzjoni filwaqt li jiġġeneraw dħul li jista' jiġi investit mill-ġdid fid-dekarbonizzazzjoni u fit-tranżizzjoni. L-ipprezzar globali tal-karbonju se jgħin ukoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. Is-sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet hija mudell għal



ħafna sistemi ta' pprezzar tal-karbonju aspiranti. Mit-tnedija tagħha fl-2005, ikkontribwiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'aktar minn 47 % fis-setturi koperti. Irridu naqsmu l-esperjenza u l-għarfien tagħna biex inħeġġu aktar pajjiżi jimplementaw politiki effettivi tal-ipprezzar tal-karbonju. Għalhekk, irrid insaħħha l-impenn tagħna biex nappoġġaw lis-sħab fl-istabbiliment ta' pprezzar u swieq tal-karbonju robusti bħala parti minn taħlita usa' ta' politika dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li nibnu fuq il-kooperazzjoni eżistenti. **It-Task Force dwar l-ipprezzar internazzjonali tal-karbonju u d-diplomazija tas-swieq tal-karbonju**, li bdejt jien u li ġiet stabbilita dan l-aħħar, għandha l-potenzjal li ggħib bidla radikali għall-94 % tal-emissjonijiet li saret referenza għalihom qabel. Bħal fil-każ tal-UE, l-ipprezzar tal-karbonju jista' jkun l-aktar miżura li tħalli impatt. L-interess jeżisti, peress li għadd dejjem akbar ta' pajjiżi, inklużi l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-G20, qed jimplementaw jew jesploraw politiki tal-ipprezzar tal-karbonju anke b'rispons għall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Frontieri. Sal-lum, diġà hemm fis-seħħ 75 strument tal-ipprezzar tal-karbonju li jkopru 24 % tal-emissjonijiet globali. Madankollu, dawn il-politiki spiss jissarrfu f'ambizzjoni baxxa, fi prezzijiet baxxi u f'kopertura limitata filwaqt li xi emittenti kbar għadhom lura.

Il-prekundizzjoni għal kwalunkwe konverżazzjoni sinifikanti ma' emittenti ewlenin u emerġenti oħra hija l-eżempju u s-suċċess tal-azzjoni klimatika tal-UE stess. Il-**kredibbiltà internazzjonali tal-UE tistrieħ fuq l-azzjoni domestika tagħna**, inklużi l-miżuri "Lesti għall-mira ta' 55 %", kif ukoll il-viżjoni li pprovderna billi ressaqna rakkomandazzjoni għall-2040. Li jintwera li dawn il-miżuri jaħdmu jiffaċilita kunsens politiku domestiku f'pajjiżi oħra. L-ekonomiji ewlenin u emerġenti jistgħu jipprovdu wkoll ambjent regolatorju abilitanti u inċentivi biex l-industriji u ċ-ċittadini jiġu involuti fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u fl-iskattar ta' deċiżjonijiet ta' investment sostenibbli. Aħna nipromwovu azzjonijiet bħal dawn fil-livelli politiċi kollha ma' ħafna pajjiżi permezz tal-G7 u l-G20, kif ukoll Alleanzi Ekoloġiċi bilaterali, Sħubijiet Ekoloġiċi, Djalogi ta' Livell Għoli, Sħubijiet għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta, u Sħubijiet futuri għal Kummerċ u Investimenti Nodfa. Nużaw ukoll proċessi plurilaterali bħall-Aġenda ta' Dekarbonizzazzjoni tal-G7, il-Klabb għall-Klima, u l-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa. Se nkomplu nassistu lis-sħab, inkluż finanzjarjament, fl-esplorazzjoni tal-fattibbiltà ta' soluzzjonijiet konkreti, adattati għall-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom. Fl-aħħar nett, qed ningranaw ukoll b'mod attiv il-politika tal-veċinat tagħna, il-politika kummerċjali tagħna u s-sħubijiet internazzjonali tagħna b'mod li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod parallel, jeħtieġ li nkomplu nappoġġaw pajjiżi u komunitajiet li huma partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u li llum ftit li xejn qed jikkontribwixxu għall-emissjonijiet globali. Huwa wkoll fl-interess tagħna stess: li, f'dinja interkonnessa ħafna, l-adattament u t-tiswir tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima jkunu jistgħu jgħinu fil-ġestjoni tar-riskju ta' tfixkil fir-rotot kummerċjali u fil-ktajjen tal-provvista globali (inkluż l-ikel), u jikkontribwixxu għas-sigurtà, għar-reżiljenza u għall-istabbiltà tal-UE.

Il-**prijoritajiet tiegħi għall-COP29**, kif maqbula mal-Istati Membri permezz tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tat-8 ta' Ottubru u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjent tal-14 ta' Ottubru dwar il-COP29, huma: (i) il-kisba ta' eżitu ambizzjuż u li jista' jinkiseb dwar l-Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat dwar il-Finanzjament għall-Klima; (ii) il-konklużjoni tan-negożjati dwar gwida għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi dwar is-swieq internazzjonali tal-karbonju; (iii) il-konferma mill-ġdid tal-impenn globali favur l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM u t-twittija tat-triq għaċ-ċiklu li jmiss ta' Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali; (iv) iż-żieda fl-azzjoni ta' adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima; u (v) l-appell lill-Partijiet kollha biex jippreżentaw l-ewwel Rapporti ta' Trasparenza Biennali sal-aħħar ta' din is-sena.

Fir-rigward tas-**segwitu għall-COP28**, se nħeġġeġ lis-sħab internazzjonali tagħna, b'mod partikolari l-emittenti ewlenin, biex fl-2025 jippreżentaw Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali ambizzjużi li jibnu fuq l-eżiti tar-rendikont globali dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija. Se nfassal l-appoġġ politiku, tekniku u finanzjarju tagħna biex inħeġġeġ it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali ambizzjuża tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Dwar is-**sussidji għall-fjuwils fossili**, miżura ewlenija li tista' tnaqqashom b'mod koerenti hija l-ilhug ta' qbil dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Għalhekk se nkompli naħdem mal-Istati Membri biex insib, malajr, bażi komuni sabiex jintlaħaq ftehim. Se naħdem bla heda wkoll mal-Istati Membri, peress li l-kompetenza għat-tneħħija gradwali ta' dawn is-sussidji hija tal-gvernijiet nazzjonali. Barra minn hekk, se naħdem favur il-qsim tal-aħjar Prattiki u favur l-ogħla livell ta' trasparenza fir-rigward ta' dawn is-sussidji sabiex inżid il-pressjoni, kemm permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Istati Membri kif ukoll permezz tar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Governanza. Minkejja dan, jien wettaqt l-impenn tiegħi fl-ewwel seduta ta' smiġh tiegħi fil-Parlament sena ilu, li noħloq inventarju fil-livell tal-UE, u se nkompli naħdem fuq dan flimkien mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni. B'mod parallel, is-Semestru Ewropew u possibbilment l-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività futura joffru opportunitajiet biex l-Istati Membri jingħataw aktar gwida dwar l-indirizzar ta' dan l-aspett b'mod prijoritarju. Fl-aħħar nett, qed nintroduċu politiki oħra li se jpoġġu prezz fuq l-effetti negattivi tal-fjuwils fossili, b'mod partikolari l-EU ETS

(EU Emissions Trading System, Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet) il-ġdida għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali (ETS2, Emissions Trading System for the Buildings and Road Transport Sectors - Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għas-Setturi tal-Bini, tat-Trasport bit-Triq u Oħrajn Addizzjonali), akkumpanjati mill-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid biex jiġu appoġġati l-persuni vulnerabbli għall-faqar enerġetiku u tat-trasport.

It-tneħħija tas-sussidji għall-fjuwils fossili għandha l-għan li tagħmel it-tranżizzjoni aktar kosteffiċjenti u aktar faċli biex tinkiseb. Se tiżgura s-sigurtà tal-enerġija u tnaqqas id-dipendenzi, filwaqt li tillibera r-riżorsi meħtieġa għall-investiment f'kapaċitajiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Jekk it-tħassib huwa li t-tneħħija tas-sussidji għall-fjuwils fossili jista' jkollha impatt mhux dovut fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, naqbel li dan jeħtieġ li jiġi indirizzat, pereżempju permezz tal-politiki soċjali tal-Istati Membri. L-aktar għodda effiċjenti spiss hija li jiġu kkompensati l-unitajiet domestiċi, jew li dawn jiġu meġhuna jagħmlu t-tranżizzjoni, u mhux li s-sussidji għall-fjuwils fossili jinżammu fis-seħħ.

*7. Liema miżuri konkreti se tiegħu biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha tal-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-klima għall-2030 u l-kisba tal-miri stabbiliti fiha? Xi rwol tara għall-Patt għal Industrija Nadifa f'dan il-kontest? X'inhil l-pożizzjoni tiegħek dwar l-emenda mmirata tar-regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi u l-vannijiet li tissemma fl-ittra ta' missjoni tiegħek? Kif se tiżgura li l-istrumenti regolatorji u finanzjarji tal-UE, inkluż il-Fond Soċjali għall-Klima u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, jappoġġjaw tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima? Speċjalment fir-rigward tal-EU ETS 2, x'miżuri speċifiċi se tiegħu biex tiżgura li l-gruppi vulnerabbli jkunu protetti minn żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, inkluż billi timmonitorja l-implimentazzjoni xierqa tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali u d-dħul nazzjonali tal-ETS 2?*

L-aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs, National Energy and Climate Plans) huwa proċess ewlieni fejn l-Istati Membri qed jistabbilixxu kif se jippermettu l-implimentazzjoni f'waqtha tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u jgħinu biex jiġu mobilizzati l-investimenti meħtieġa. Se nintensifika l-kuntatti mal-Istati Membri biex niżgura li jiffinalizzaw l-NECPs tagħhom mill-aktar fis possibbli. Beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-NECPs tagħhom, inkluż permezz tal-involvement mal-industrija u mas-sħab soċjali u permezz tal-organizzazzjoni ta' diskussjonijiet dwar kif għandhom jitneħħew l-ostakli importanti għat-tranżizzjoni. L-għan tiegħi se jkun li niffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' soluzzjonijiet prattiċi sabiex titħaffef it-tranżizzjoni, filwaqt li titrawwem il-kompetittività u jiġu appoġġati l-persuni l-aktar vulnerabbli. Se nżomm lill-Parlament Ewropew infurmat mill-qrib permezz ta' skambji regolari.

Il-mira klimatika għall-2040, li għaliha l-Kummissjoni dalwaqt se tagħmel proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata, b'mod immirat, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, se tipprovdi ċertezza akbar u fit-tul għall-investituri, biex tappoġġa d-deċiżjonijiet li qed jittieħdu bħalissa għall-faċilitajiet tal-manifattura, l-infrastruttura jew il-ħiliet, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll biex titħaffef l-azzjoni u jintlaħqu l-miri għall-2030.

**Il-Patt għal Industrija Nadifa** se jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tal-UE filwaqt li jħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa. Se naħdmu fuq sett ta' inizjattivi biex jiġu ssimplifikati l-proċessi amministrattivi biex tiġi dekarbonizzata l-industrija, se ndaħħlu fis-seħħ qafas għall-iżvilupp ta' swieq ewlenin, u se nimmobilizzaw il-finanzjament privat għat-tranżizzjoni. Se niżviluppaw azzjonijiet b'mod partikolari għal prezzijiet tal-enerġija affordabbli, biex nindirizzaw wieħed mill-iżvantaġġi kompetittivi ewlenin tal-UE, kif ukoll att għall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni industrijali li jiffoka b'mod ewlieni fuq l-industriji intensivi fl-enerġija u Shubbijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa li jiffokaw fuq ir-relazzjonijiet tagħna mal-pajjiżi sħab.

It-tweqqiq tal-mira tal-UE ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990 u tal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, minqax fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, jeħtieġ politiki u azzjoni ambizzjużi biex jiġi żgurat tnaqqis rapidu u suffiċjenti fl-emissjonijiet mis-setturi kollha, inkluż sehem sinifikanti mill-bini u mit-trasport. F'dan il-kontest, **l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi u l-vannijiet ġodda** jistabbilixxu miri progressivament aktar stretti għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> li jilhqqu mira ta' tnaqqis ta' 100 % mill-2035 'il quddiem. Il-linji Gwida Politiċi jiddikjaraw: "*il-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 se tirrikjedi firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi, f'oqsma mill-mobbiltà għall-enerġija. Pereżempju, il-mira tal-2035 għan-newtralità klimatika tal-karozzi toħloq prevedibbiltà għall-investituri u għall-manifatturi. Biex naslu s'hemm neħtieġu approċċ teknoloġikament newtrali, li fih l-e-fjuwils għandhom rwol permezz ta' emenda mmirata tar-regolament bħala parti mir-rieżami previst*". Dan huwa kkonfermat ukoll fl-ittra ta' missjoni tiegħi. Għalhekk, il-Kummissjoni se taħdem fuq din l-emenda mmirata bħala parti mir-rieżami previst fl-2026. Din il-ħidma se tikkunsidra wkoll il-ħtieġa għal e-fjuwils f'setturi oħra, fejn ma teżisti l-ebda

alternattiva teknoloġika oħra, bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu, filwaqt li jitqiesu l-iskarsezza mbassra tagħhom, il-proċess ta' produzzjoni tagħhom b'użu intensiv tal-enerġija, u l-kostijiet ipproġettati tagħhom.

**Il-qafas ta' tranżizzjoni ġusta** tagħna jeħtieġ li jkun adattat għall-istadji li jmiss tat-tranżizzjoni klimatika minn hawn sal-2030, u mbagħad sal-2040 u lil hinn. L-ewwel prijorità se tkun li jiġi żgurat l-użu tar-riżorsi minn NextGenerationEU u mill-baġit attwali. L-UE għandha qafas ta' finanzjament komprensiv, inkluż bil-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan se jkompli jiġi msaħħaħ bl-introduzzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima. Se naħdmu flimkien għal baġit fit-tul aktar sempliċi, aktar iffukat u aktar reattiv li jirrifletti l-prijoritajiet strateġiċi Ewropej u l-ambizzjoni tagħna li nkunu Kummissjoni ta' Investiment. Filwaqt li ma nistax nippreġudika l-QFP li jmiss, nilqa' l-impenn tal-President li tipprevedi żieda sinifikanti fil-finanzjament għal tranżizzjoni ġusta. Jekk niġi kkonfermat, niżgura li tali żieda tkun immirata lejn ħaddiema, kumpaniji u ċittadini vulnerabbli u lejn it-territorji li jiffaċċjaw l-aktar sfidi ta' tranżizzjoni diffiċli. Kulħadd għandu jibbenefika mill-opportunitajiet li toffri t-tranżizzjoni, u ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura. Filwaqt li naħdem flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza, se niżguraw li l-Fond Soċjali għall-Klima jagħti aktar finanzjament qabel it-tnedija tas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali (ETS2). Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri fuq il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali biex tiżgura li r-riżorsi jintefqu biex jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli.

Fir-rigward tat-tnejn għall-Fond Soċjali għall-Klima, diġà ilna mill-2023 naħdmu flimkien ma' grupp ta' esperti ddedikat tal-Istati Membri biex niksbu introduzzjoni rapida u effettiva. Bħalissa hemm 10 Stati Membri li qed jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-Kummissjoni biex jistmaw l-impatti tal-ETS2, jiddefinixxu l-gruppi vulnerabbli u jidentifikaw miżuri u investimenti mfassla apposta għall-pjanijiet futuri tagħhom. Se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza, biex jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima. Skont id-“Djalogu Soċjali dwar il-Klima”, il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena biex jiġu diskussi l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima ppreżentati, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-kisba tal-istadji importanti u l-miri u l-pagamanti.

Fir-rigward tal-użu tad-dħul tal-Istati Membri mill-ETS2, se nimmonitorjaw li dan jintuża bis-sħiħ fuq l-azzjoni klimatika u l-miżuri soċjali skont il-mandat tad-Direttiva riveduta dwar l-ETS.

Nintensifika s-sensibilizzazzjoni mal-Istati Membri biex nidentifika kif negħlbu l-konġestjonijiet u noffru opportunitajiet biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekwa u ġusta. Meta jiġi rivedut ir-Regolament dwar il-Governanza, insaħħaħ il-mod kif jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' tranżizzjoni ġusta. Se naħdem biex niżgura li t-tranżizzjoni ġusta tkun integrata sew fil-politiki ta' appoġġ tagħna għad-dekarbonizzazzjoni u se nikkoopera mal-Kummissarji sħabi biex niżgura li t-tranżizzjoni ġusta trawwem impjegji ta' kwalità u li l-oġġetti u s-servizzi li l-SMEs u l-unitajiet domestiċi tagħna jeħtieġu għat-tranżizzjoni jkunu aċċessibbli u affordabbli.

*8. X'azzjonijiet speċifiċi ġodda qed tippjana li tipproponi bħala qafas ta' abilitazzjoni biex tiġi appoġġjata l-kisba tal-mira l-ġdida għall-2040 u kif se tfassal l-arkitettura klimatika tal-UE għal wara l-2030 b'mod sempliċi, ġust u kosteffiċjenti bir-riżorsi finanzjarji adegwati? Kif se tiżgura li s-setturi kollha tal-ekonomija se jikkontribwixxu b'mod ġust u bbażat fuq ix-xjenza? X'inhil-pożizzjoni tiegħek dwar l-evoluzzjoni futura tal-EU ETS? X'ikunu l-pjanijiet konkreti tiegħek għall-avanz tal-assorbimenti tal-karbonju, kemm permanenti kif ukoll ibbażati fuq l-art, flimkien ma' tnaqqis profond u sostnut tal-emissjonijiet? X'inhil-pożizzjoni tiegħek dwar l-istabbiliment ta' miri tal-Unjoni dwar l-assorbimenti tal-karbonju, inkluża mira separata għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju bħala parti mill-mira għall-2040? X'miżuri konkreti, leġiżlattivi u/jew oħrajn, u liema riżorsi ġodda tal-UE, bħala parti mill-Pjan Ewropew il-ġdid ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima, tixtieq tipproponi biex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà tal-UE, inklużi tal-gruppi vulnerabbli, tal-ekosistemi u tal-ekonomija u biex ikun hemm adattament aħjar għar-riskji klimatiċi? Kif se tiżgura li l-adattament jitqies b'mod sistematiku f'kull politika settorjali tal-UE?*

Il-Kummissjoni dalwaqt se tagħmel proposta leġiżlattiva biex il-mira klimatika għall-2040 tiġi mnaqqxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Mira ambizzjuża għall-2040 jeħtieġ li timxi id f'id ma' kundizzjonijiet abilitanti, bħal tranżizzjoni ġusta u ekwa għan-nies, prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi, titjib tal-grilja tal-elettriku, eċċ. Il-Patt għal Industrija Nadifa se jkun l-ewwel opportunità biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet abilitanti, filwaqt li jiġi żgurat li l-ambizzjoni klimatika u l-kompetittività industrijali jkunu jistgħu jimxu id f'id.

Ladarba jintlaħaq qbil dwar il-mira, il-Kummissjoni se tkun tista' tressaq proposti għall-qafas ta' politika dwar

**il-klima għal wara l-2030.** Se niżgura li l-UE tibqa' fit-triq, filwaqt li tibni fuq il-qafas ta' politika komprensiv li għandna fis-seħħ, titgħallim it-tagħlimiet mill-passat u tiżgura li tkun lesta għall-2040. Hekk kif qed noqorbu dejjem aktar lejn in-newtralità klimatika, nafu li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu u li huma meħtieġa bosta teknoloġiji. Neħtieġu ċ-ċarezza pprovduta mill-mira għall-2040 biex niddefinixxu l-politiki u nipprovdur ċertezza fit-tul għad-deċiżjonijiet ta' investment, li se jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet tagħna għall-2030. Se naħdem mal-kollegi tiegħi biex inkunu nistgħu nilħqu l-mira għall-2040 b'Patt għal Industrija Nadifa, u biex niżgura li l-investment privat favur l-għanijiet komuni tagħna ta' ekonomija tal-UE kompetittiva u dekarbonizzata jkun jista' jiġi ingranat u msaffi mir-riskji b'mod adegwat permezz ta' azzjoni Ewropea. Jeħtieġ li ninvestu fin-nies, fil-ħiliet u fit-tranżizzjoni ġusta, u li nużaw il-politika dwar il-klima biex intejbu l-benesseri tan-nies. L-ipprezzar tal-karbonju, permezz tal-ETS fil-livell tal-UE, huwa essenzjali għal azzjoni ta' mitigazzjoni kosteffettiva u bħala għodda ta' finanzjament li tiġġenera d-dħul għall-innovazzjoni, u biex jiġu appoġġati miżuri li jibbenefikaw lill-aktar gruppi vulnerabbli. Fil-qosor, ipprezzar tal-karbonju mfassal tajjeb jindirizza kemm l-oġettivi ambjentali u ekonomiċi, kif ukoll dawk soċjali. Dan jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn miżuri settorjali, pereżempju fis-settur tal-enerġija, tat-trasport jew tal-art, u minn qafas ta' politika ta' abilitazzjoni usa', li jpoġġi l-ħtijiet settorjali tat-tranżizzjoni fiċ-ċentru.

Il-Kummissjoni tibbaża l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar il-politika dwar il-klima fuq valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa b'konsistenza sħiħa mar-rekwiżiti tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar. Il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku dwar it-Tibdil fil-Klima jitqies ukoll kif xieraq. Ippermettuli nissottolinja li dawn l-analiżijiet jagħmlu użu mill-aktar għodod avvanzati ta' analiżi ekonomika, li jintużaw ukoll b'mod estensiv fil-letteratura xjentifika u jippermettu li jiġu koperti bis-sħiħ l-ekonomija tal-UE u s-setturi differenti tagħha, kif muri dan l-aħħar fil-Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-Mira Klimatika għall-2040 li l-Kummissjoni ppubblikat fi Frar. Dan jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' politika tal-Kummissjoni dwar ir-rwol tas-setturi differenti jkun, u jibqgħu, infurmati minn analiżi fil-fond ibbażata fuq approċċ xjentifiku, li tippermetti t-tfassil ta' pakketti ta' politika li jistgħu jilħqu l-oġettivi tagħna b'mod kosteffiċjenti, ġust u effettiv. F'dan l-isforz, se nibqa' miftuħ għal dialoġu sinċier u trasparenti mas-setturi kollha biex nilħqu l-oġettivi klimatiċi tagħna b'mod ibbilanċjat u kosteffettiv.

Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-EU ETS, ir-rieżami tad-Direttiva dwar l-ETS u tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq huwa mistenni fl-2026. B'mod partikolari, se jikkunsidra jekk l-ġestjoni tal-iskart għandhiex tiġi inkluża fl-EU ETS mill-2028, u jekk, kif u meta għandhom jiġu integrati l-assorbimenti u jiġi inċentivat l-użu tal-karbonju maqbud fi prodotti, bħall-fjuwils rinnovabbli.

Ir-rieżami tal-2026 se jiddetermina l-kopertura mill-ETS tat-titjiriet internazzjonali minn Jannar 2027, u l-fattibbiltà tat-twessigħ tal-kopertura fit-trasport marittimu. Ir-rieżami se jkun akkumpanjat minn evalwazzjoni (jiġifieri valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza u li tħares lura) tad-Direttiva dwar l-ETS u d-Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR, Market Stability Reserve). Se neżaminaw ukoll jekk humiex meħtieġa aġġustamenti tal-EU ETS fil-kuntest tal-mira għall-2040. Id-direzzjoni li għandha tiġi segwita bl-EU ETS bħala l-politika fundamentali tal-UE dwar il-klima hija evidenti.

Ma nistax nenfasizza biżżejjed li t-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod profund u sostnut għandu jibqa' l-prijorità tagħna. Fl-istess ħin, hemm benefiċċji fl-għoti ta' aktar ċertezza lill-industriji b'rabta mar-rwol tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju fil-ksib tal-mira klimatika tal-UE għall-2040. Se nivvalutaw l-aħjar sett ta' politiki biex nipprovdur inċentivi kemm għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif ukoll għall-assorbimenti tal-karbonju fil-qafas ta' politika tal-2040. Se tkun meħtieġa politika effiċjenti dwar l-assorbimenti tal-karbonju biex jinkisbu tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2040 u n-newtralità klimatika sal-2050, kif enfasizzat b'mod ċar fil-Komunikazzjoni u fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Se niżgura li din il-politika tkun fis-seħħ fi tmiem il-mandat tiegħi, filwaqt li nappoġġa, flimkien mas-sħab pubbliċi u privati, l-iżvilupp fi stadju bikri ta' dak li maż-żmien għandu jsir suq uniku Ewropew għall-assorbimenti tal-karbonju. L-industriji, il-bdiewa jew il-forestiera li jipprovdur s-servizz tal-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu ppremjati, filwaqt li l-isforzi b'rabta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma għandhomx jiġu mxekkla.

Fir-rigward tal-**adattament għat-tibdil fil-klima**, il-perikli klimatiċi li qed jiżdiedu huma wħud mill-akbar riskji għas-sigurtà tagħna u għall-prosperità tagħna, u jeħtieġ li nsaħħu r-reżiljenza u l-preparatezza għall-klima tal-UE u nnaqqsu l-esponiment tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna. Dan jeħtieġ sforzi miftiehma u miżjuda kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Il-politiki u l-azzjonijiet attwali mhumix qed iżommu l-pass mal-impatti klimatiċi. Neħtieġu reżiljenza u ġestjoni tar-riskju mid-disinn. Qed nipprevedi Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima li jappoġġa lill-Istati Membri u li jiżgura li r-riskji klimatiċi jkun inkorporati bis-sħiħ fil-politiki kollha tal-UE: mill-agrikoltura u l-infrastruttura kritika għall-ekonomija, b'attenzjoni partikolari għall-gruppi vulnerabbli. Il-kamp ta' applikazzjoni eżatt tal-Pjan se jiġi żviluppat mill-qrib flimkien mal-partijiet ikkonċernati. Abbażi tal-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa u l-Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi,

nara hteġa ċara għal allinjament aktar b'saħħtu tal-approċċi bejn l-UE u l-Istati Membri. Dan jinkludi linji bażi maqbula għall-valutazzjoni tal-perikli klimatiki u għad-determinazzjoni tal-livell ta' riskju aċċettabbli fid-deċiżjonijiet ta' politika u ta' investiment. Għal kull proposta, se nżomm f'moħħi l-implicazzjonijiet għall-piż amministrattiv. F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, se nivaluta l-hteġa għal leġiżlazzjoni futura dwar ir-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima, kif mitlub ukoll mill-Parlament fil-kuntest tad-dibattitu plenarju reċenti u r-riżoluzzjoni dwar l-għargħar. B'mod speċifiku, se nqis bir-reqqa kif jista' jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fl-oqsma ta' politika li huma partikolarment esposti għar-riskji klimatiki tkun adegwata għall-użu. Bħala minimu, irrid li l-assi kollha ffinanzjati mill-UE jiġu ddisinjati għall-futur, fost l-oħrajn permezz ta' approċċi ta' verifika tar-reżistenza klimatika u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

*9. X'inhi l-viżjoni tiegħek għall-portafoll tiegħek lil hinn mill-ittra ta' missjoni tiegħek u x'tixtieq li jkun il-legat tiegħek? X'proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra se tissuġġerixxi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji għall-adozzjoni fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum? Kif se tiżgura li dawn il-proposti, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, isaħħu l-kompetittività Ewropea? Biħsiebek tibbaża dawk il-proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt dedikati? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek b'mod partikolari għall-Patt għal Industrija Nadifa? Kif tiddefinixxi "tkabbir nadif"? Xi rwol se jkollha l-ekonomija ċirkolari fil-ħidma tiegħek? Kif qed tippjana li tissorvelja u tappoġġja l-implimentazzjoni tal-qafas legali eżistenti biex jintlaħqu l-miri tal-2030 u x'inhuma l-pjanijiet u l-miżuri tiegħek previsti biex tintlaħaq il-mira mħabbra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2040? Kif se tiżgura li dawk il-miżuri se jaħdmu flimkien mal-politika industrijali tal-UE?*

Ix-xjenza hija ċara: ma għandna l-ebda alternattiva għal azzjoni klimatika ambizzjuża jekk irridu niżguraw li kemm il-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll dawk li jmiss ikunu jistgħu jipprosperaw. L-effetti tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fil-livelli tal-baħar, iż-żieda fl-għargħar, u t-theddida għall-provvista tal-ikel u għas-saħħa u għall-infrastrutturi tal-bniedem qed jinħassu minn kulħadd fid-dinja. Il-protezzjoni kemm tal-pjaneta kif ukoll tal-prosperità tagħna tfisser li l-azzjoni klimatika trid timxi id f'id mal-iżgurar ta' ekonomija li tiffjorixxi u kompetittiva, u li jrid jingħata appoġġ għal tranżizzjoni ġusta u ekwa għan-nies, ir-reġjuni u s-setturi li huma l-aktar vulnerabbli. Ninsab konvint sew li dan jirrikjedi azzjoni deċiżiva fil-livell domestiku u internazzjonali, aktar u aktar fis-snin turbolenti u diffiċli li x'aktarx li se jkollna niffaċċjaw fis-snin li ġejjin. Għalija personalment, dan ifisser li hemm bżonn ta' aktar tmexxija, aktar assertività, u aktar kooperazzjoni, u nemmen li dan kollu nistgħu niksibuh. Fi tmiem il-mandat tiegħi, irrid inkun nista' ngħid li ksibna t-triq lejn in-newtralità klimatika billi stabbilejna l-parametri għat-tmexxija ekonomika tal-Ewropa u bdilna l-aġenda politika tagħna dwar it-tkabbir nadif f'mudell li oħrajn madwar id-dinja se jaġhmlu hilitom biex jikkupjaw.

**Fir-rigward tal-inizjattivi leġiżlattivi u inizjattivi oħra fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum**, f'konformità mal-Linji Gwida Poliċi, se ngħin fil-ħidma għall-iżvilupp, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali filwaqt li nikkontribwixxi għall-ħolqien, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, ta' **Patt għal Industrija Nadifa** li jsaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE u li jħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa, li niddekrivi b'mod aktar wiesa' fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 7. Il-Patt għal Industrija Nadifa se jkollu bżonn jindirizza dawn l-oqsma b'sett koerenti ta' inizjattivi ta' politika. L-ittri ta' missjoni jinkludu bosta minnhom, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Affordabbli, l-Att għall-Aċċelleratur tad-De karbonizzazzjoni Industrijali, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, il-Pakkett għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi, jew il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali li jmiss għas-settur awtomobilistiku.

Qed niffaċċjaw mument kruċjali għall-industrija u r-riċerka Ewropej. It-tmexxija teknoloġika tagħna, u l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għall-isfidi industrijali u li niksibu opportunitajiet ġodda b'mod attiv jinsabu fil-periklu.

L-ipprezzar tal-karbonju permezz tal-EU ETS se jkompli jkollu rwol ċentrali fl-iggwidar tad-deċiżjonijiet ekonomiċi lejn l-azzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni l-aktar kosteffettivi. Fl-istess ħin, l-EU ETS se tkompli tiġġenera dħul li għandu jintuża, b'mod partikolari permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni, biex jiġu aċċellerati d-dimostrazzjoni u l-espanjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi newtrali għall-klima f'firxa wiesgħa ta' setturi (id-dekarbonizzazzjoni industrijali, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa).

Dawn is-suġġetti kollha huma relatati ma' **tkabbir nadif** li jiżgura l-prospertà ekonomika u l-benesseri tas-soċjetajiet tagħna fi ħdan il-limiti planetarji billi jingrana t-tmexxija fit-teknoloġiji nodfa li qed jikbru malajr. Dan jimplika li s-soċjetajiet umani jkomplu jimexxu mingħajr ma jpoġġu l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri f'riskju jew jikkompromettu forom oħra ta' ħajja u ekosistemi. Tali tkabbir ma jstax ikun ibbażat fuq dipendenzi fuq il-fjuwils fossili. It-tkabbir nadif inaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni u jżid is-sigurtà u r-reżiljenza. Mil-lat

operattiv, it-tkabbir jista' jitqies nadif jekk jgħin fl-istabbilizzazzjoni tal-klima, iżomm l-ekosistemi u l-habitats f'saħħithom u jippreserva l-bijodiversità u l-arja u l-ilma nodfa.

**Iċ-ċirkolarità** hija parti inerenti minn tkabbir nadif. Ekonomija ċirkolari ddisinjata tajjeb toffri opportunitajiet kbar għall-kompetittività, mir-riċiklaġġ tal-materja prima sal-ekodisinn, filwaqt li toqot il-katina tal-provvista kollha, inklużi miżuri min-naħa tad-domanda, għal prodotti nodfa. Billi nistabbilixxu prezz fuq il-karbonju, ninċentivaw ħafna setturi biex isiru aktar ċirkolari, bil-produzzjoni sekondarja ta' oġġetti intensivi fil-karbonju tipikament ħafna inqas intensiva fl-enerġija mill-produzzjoni primarja. Bħala parti mir-rieżami ppjanat tal-EU ETS, se nivvalutaw kif nippromwovu użu u użu mill-ġdid aktar ċirkolari u sostenibbli tal-karbonju fl-industriji tagħna. Se niżguraw li l-politiki li jħallu impatt fuq l-iskart u fuq it-tmiem tal-ħajja jiġu fformulati b'mod koerenti mal-politiki dwar il-klima. Dan jinkludi l-valutazzjoni dwar jekk l-inċineraturi tal-iskart għandhomx jiġu inkorporati jew le fl-EU ETS, li hija parti oħra mir-rieżami ppjanat tal-2026.

Kmieni fil-mandat, kif deskritt b'mod aktar dettaljat fit-tweġiba għall-mistoqsija 7, se nipponu li **l-Liġi Ewropea dwar il-Klima tiġi emendata biex tinkludi l-mira ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' 90 % għall-2040**. Ladarba l-mira tkun fis-seħħ, u f'konformità mal-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar, il-proposti leġiżlattivi kollha dwar il-klima li x'aktarx ikollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti se jkunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt idedikati. Barra minn hekk, reviżjoni tar-Regolament dwar il-Governanza biex jiġi ssimplifikat u aġġornat tappoġġa t-tweġiq tal-ambizzjoni klimatika għall-2040, lejn in-newtralità klimatika u r-reżiljenza għall-klima.

Kif diġà semmejt, se niżgura li l-UE tibqa' fit-triq f'dik li hi l-azzjoni klimatika tagħna, filwaqt li tibni fuq il-pakkett ta' politika komprensiv li għandna fis-seħħ, titgħallim it-tagħlimiet mill-passat u tiżgura li tkun lesta għall-2040. B'hekk nieħdu azzjoni biex niżguraw il-kompetittività tal-industrija tal-UE u tranżizzjoni ġusta għal kulħadd. F'dan l-isforz, se nibqa' miftuħ għal djalogu sinċier u trasparenti mas-setturi kollha biex nilħqu l-oġġettivi klimatiċi tagħna b'mod ibbilanċjat u kosteffiċjenti.

Suġġett importanti ieħor, deskritt b'mod aktar wiesa' fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 7, huwa **l-mira tal-2035 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi**.

Meta nħares' il quddiem, f'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, se nmexxi l-ħidma fuq il-**Pjan Ewropew ta' Adattament għall-Klima**, u nappoġġa lill-Istati Membri, b'mod partikolari b'raba mal-preparatezza u l-ippjanar, filwaqt li niżgura valutazzjonijiet tar-riskju regolari bbażati fuq ix-xjenza.

Se nivvaluta wkoll il-ħtieġa għal **leġiżlazzjoni futura dwar ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima**, u se nippreżenta għażliet. Se nagħmel dan abbażi tal-ewwel Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa li qatt saret u diġà ħadt nota tad-diskussjonijiet fil-Parlament, fil-kuntest tad-dibattitu reċenti dwar l-għargħar. Se nqis bir-reqqa kif jista' jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni rilevanti għall-adattament tkun adegwata għall-użu, u kif jista' jitnaqqas il-piż amministrattiv. Dan jirrikjedi ħidma mill-qrib ma' Membri oħra tal-Kulleġġ, biex naraw kif nistgħu nissimplifikaw il-politiki settorjali kollha, eż. billi nidentifikaw fejn l-Istati Membri diġà qed jirrapportaw informazzjoni settorjali rilevanti għall-adattament u wkoll jekk nistgħux nużaw aħjar l-informazzjoni bbażata fuq is-satelliti, u forsi l-IA. Dan se jippermetti li jiġu identifikati sinerġiji, li jinġiebu aktar qrib xulxin il-flussi ta' ħidma settorjali tal-ippjanar u tar-rappurtar differenti, u li jiġu identifikati sensji possibbli. Fl-istess ħin, l-adattament huwa sfida dejjem akbar u qasam ġdid għal azzjoni, u għalhekk x'aktarx li jkunu meħtieġa xi rekwiżiti addizzjonali limitati ġodda, biex insiru aktar reżiljenti għar-riskji klimatiċi li qed jaċċelleraw sew maż-żmien.

*10. X'miżuri konkreti se tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni industrijali, b'mod partikolari għall-industriji intensivi fl-enerġija u s-setturi diffiċli sabiex jitrażżnu? Liema setturi u oqsma għandhom jingħataw prijorità u abbażi ta' liema kriterji? F'dak ir-rigward, xi rwol tara għall-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-Fond għall-Innovazzjoni? X'azzjonijiet se tippromwovi biex tiżgura investiment fit-tul fl-infrastruttura Ewropea b'emissjonijiet żero netti? X'miżuri konkreti tipprevedi b'mod partikolari għall-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-De karbonizzazzjoni Industrijali u kif tara r-relazzjoni tiegħu mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika u STEP? B'mod ġenerali, kif se tiżgura li l-istrumenti tal-politika dwar il-klima jkomplu jipprovdu inċentivi ekonomiċi għall-investimenti privati fid-dekarbonizzazzjoni, filwaqt li jsaħħu l-qafas għal tranżizzjoni soċjali u ġusta? Kif tipprevedi l-qafas futur għall-qbida, it-trasport u l-ħżin tas-CO<sub>2</sub> u kif se tiżgura inċentivi suffiċjenti għall-industrija tul il-katina tal-valur kollha tal-qbida, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS)? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek dwar is-suq uniku għas-CO<sub>2</sub>, b'mod partikolari għas-CO<sub>2</sub> li jirriżulta minn setturi diffiċli sabiex jitrażżnu, filwaqt li titqies il-kompetittività tal-UE?*

*X'inhi l-pożizzjoni tiegħek dwar ir-rwol ta' approċċ teknoloġikament newtrali fir-rigward tar-rieżami previst tar-regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO2 għall-karozzi u l-vannijiet kif imsemmi fl-ittra ta' missjoni tiegħek?*

L-inċentiv tal-ipprezzar mill-EU ETS, flimkien ma' protezzjoni effettiva kontra r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism), huma l-għodod primarji tagħna għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji fl-UE, billi jpoġġu prezz fuq il-karbonju u joħlqu kundizzjonijiet ekwi fl-UE. Iżda biex niksbu n-newtralità klimatika rridu mmorru lil hinn mit-tnaqis marġinali tal-emissjonijiet. Dan jirrikjedi investimenti kbar f'teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni profonda, u l-politiki attwali tagħna mhux dejjem huma biżżejjed biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jkunu bankabbli. Għalhekk, se jkollna naħdmu fuq ingranaġġi oħra wkoll. Il-Patt għal Industrija Nadifa huwa opportunità biex il-kompetittività tal-industrija tal-UE tissaħħa u biex id-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa titħaffef, kif iddeskrivejt b'mod aktar wiesa' fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 7. Se naħdmu biex niksbu sett ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni ta' setturi diffiċli sabiex jitrażżnu u biex indaħħlu fis-seħħ qafas għall-iżvilupp ta' swieq ewlenin, u se nimmobilizzaw il-finanzjament għat-tranżizzjoni.

It-titjib tad-disponibbiltà tal-enerġija nadifa affordabbli u tal-aċċess għaliha huma miżura orizzontali li se tkun ta' benefiċċju għall-industriji kollha, inklużi l-SMEs. Aktar ma d-dekarbonizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku tkun tista' tinkiseb malajr, aktar l-industriji tagħna jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji tagħha malajr. Madankollu, dan jirrikjedi tisħiħ f'waqtu tal-grilja u t-trattament b'suċċess tal-intermittenza tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Meta titqies l-importanza tal-industriji intensivi fl-enerġija f'ħafna ktajjen tal-valur, l-aċċellerazzjoni u l-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom u l-produzzjoni ta' prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se jingħataw attenzjoni speċifika. Bl-istess mod, it-tisħiħ ulterjuri tal-katina tal-valur tat-teknoloġija nadifa fl-UE, li jibni fuq l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, huwa ta' importanza strateġika. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll pjan industrijali tal-UE għas-settur awtomobilistiku, bħala wieħed mis-setturi ekonomiċi industrijali ewlenin tal-Ewropa li għandu jaħsad l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali. Il-faċilitaturi teknoloġiċi orizzontali bħat-teknoloġiji diġitali, il-materjali avvanzati u s-soluzzjonijiet ċirkolari għandhom ukoll rwol ewlieni x'jaqdu.

Iżda nergħu lura għall-EU ETS, li hija l-istrument fundamentali tagħna dwar il-klima. Trawwem id-dekarbonizzazzjoni industrijali b'żewġ modi ewlenin: billi tqiegħed prezz fuq il-karbonju u tinvesti mill-ġdid id-dħul iġġenerat f'soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni. Din hija sistema li taħdem! Huwa istrument ibbażat fuq is-suq li jikseb tnaqqis fl-emissjonijiet, jippremja l-aktar industriji effiċjenti fl-użu tal-karbonju, u jidderieġi l-kost tat-tniġġis tal-karbonju lura f'soluzzjonijiet klimatiċi permezz ta' sistemi bħall-Fond għall-Innovazzjoni. Madankollu, jeħtieġ li nħarsu lejn kif l-EU ETS se tkompli tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija lil hinn mill-2030, peress li s-suċċess tad-dekarbonizzazzjoni jfisser li nimxu lejn dinja fejn l-emissjonijiet huma baxxi ħafna u fejn l-assorbimenti tal-karbonju jkollhom rwol fl-indirizzar tal-emissjonijiet f'setturi diffiċli sabiex jitrażżnu. Sa nofs l-2026, il-Kummissjoni se tivvaluta diversi elementi rilevanti għall-ġestjoni industrijali sostenibbli tal-karbonju. Se tiżviluppa għażliet ta' politika u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-assorbimenti industrijali tal-karbonju, inkluż jekk u kif għandhom jitqiesu skont l-EU ETS. Se tħares lejn kif għandhom jitqiesu l-qbid u l-użu tal-karbonju, l-iżvilupp ta' prodotti ġodda, kif ukoll kif għandha tiġi ttrattata l-kontabbiltà tas-CO<sub>2</sub> maħżun f'pajjiżi terzi ġirien. Bir-rieżami tal-EU ETS, nistgħu nħarsu lejn kif nistgħu nkomplu nsaħħu r-rwol tagħha fil-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika.

L-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-EU ETS kienet sors ta' investiment għall-industrija f'dawn l-aħħar snin u għenet biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kwoti tal-ETS li ma għadhomx jintużaw għal dak l-għan minflok se jiġu rkantati u r-rikavati se jiġi ttrasferiti lill-Fond għall-Innovazzjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti mis-setturi tas-CBAM (ħadid u azzar, aluminju, siment, fertilizzanti, idroġenu).

Bl-introduzzjoni tal-ETS<sub>2</sub>, madwar 75 % tal-emissjonijiet Ewropej kollha se jkunu soġġetti għal sinjal tal-prezz tal-karbonju. L-ipprezzar tal-karbonju għandu dimensjoni soċjali, speċjalment fis-setturi tal-ETS<sub>2</sub> li jqiegħdu prezz fuq il-fjuwils fossili użati miċ-ċittadini meta jsaħħnu djarhom u jsuqu l-karozzi tagħhom. Huwa għalhekk li l-ETS<sub>2</sub> hija kkomplementata minn Fond Soċjali għall-Klima ta' EUR 86.7 biljun, ifffinanzjat mid-dħul mill-bejgħ tal-kwoti tal-ETS<sub>2</sub>. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-appoġġ skont il-Fond Soċjali għall-Klima jkun immirat bi preċiżjoni, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, lejn min hu fil-bżonn.

L-esperjenza turi li l-Fond għall-Innovazzjoni għandu rwol dejjem aktar kruċjali fil-finanzjament tad-

dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Biex inkomplu s-suċċess tal-Fond għall-Innovazzjoni, se nrawmu “irkantijiet bħala servizz” jew “għotjiet bħala servizz” biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffinanzjaw fit-territorju tagħhom proġetti skrinjati mill-Fond għall-Innovazzjoni. Se nfitex ukoll li niffaċilita l-akkomunament tar-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali, sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji tas-suq uniku.

B'mod aktar ġenerali, se jkollna bżonn nirduppjaw l-isforzi tagħna biex nimmobilizzaw u nikkatalizzaw l-investment privat, peress li l-finanzjament pubbliku waħdu mhux se jkun biżżejjed. Se naħdem mal-kollegi tiegħi biex nespandu l-finanzjament sostenibbli, b'mod partikolari **l-finanzjament tat-tranżizzjoni**, sabiex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni industrijali. L-enerġija pan-Ewropea u l-infrastruttura tad-dekarbonizzazzjoni relatata se jkunu kruċjali biex l-ekonomija tagħna tkun tista' tiddekarbonizza. L-implimentazzjoni tal-ippjanar eżistenti skont il-qafas ta' politika tat-TEN-E, il-qafas tas-suq tal-elettriku u tal-gass kif ukoll il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima hija kruċjali. L-iffaċilitar tal-iżvilupp tal-infrastruttura transfruntiera se jibqa' importanti.

Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u għall-Istrateġija Industrijali, u mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva biex niżviluppa **l-Att il-ġdid għall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni industrijali**. Permezz ta' dan l-att, se nħarsu lejn kif l-aħjar nipprovdur aċċess għas-swieq, il-ħiliet, l-għoti ta' permessi, l-aċċess għall-finanzi u l-mobilizzazzjoni tagħhom bħala faċilitaturi ewlenin biex l-industrija jiġu appoġġati sabiex jiddekarbonizzaw u jipprospaw.

**Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-qbid, it-trasport u l-ħżin tas-CO<sub>2</sub> (CCS, carbon capture and storage), il-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU, carbon capture and use) u s-suq uniku għas-CO<sub>2</sub>**, se naħdem favur implimentazzjoni rapida tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti kif ukoll tal-azzjonijiet identifikati fl-Istrateġija Industrijali għall-Ġestjoni tal-Karbonju ppubblikata fi Frar li għadda biex ikun jista' jseħħ l-użu ta' soluzzjonijiet ta' qbid, użu u ħżin tal-karbonju u tal-infrastruttura meħtieġa sabiex jinkiseb l-oġettiv ta' suq uniku għas-CO<sub>2</sub> fl-Ewropa. Rigward is-CCS, il-Kummissjoni se timplimenta azzjonijiet immirati biex jiġu appoġġati l-katina tal-valur, l-operaturi tal-ħżin tas-CO<sub>2</sub> u l-awtoritajiet kompetenti. Azzjonijiet bħal dawn jinkludu l-ħolqien ta' mekkaniżmi dinamiċi tas-suq, li jippermettu appoġġ u gwida għall-Istati Membri, kif ukoll l-iżvilupp ta' atlas ta' investment ta' siti tal-ħżin tas-CO<sub>2</sub>. Rigward l-assorbimenti tal-karbonju, il-Kummissjoni se tiżviluppa aktar mekkaniżmi ta' politika u ta' appoġġ biex jiżiedu l-assorbimenti. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, valutazzjoni ta' kif l-assorbimenti bi ħżin permanenti jistgħu jitqiesu bħala parti mis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u valutazzjoni tal-oġettivi ġenerali għall-assorbimenti fil-kuntest tal-mira klimatika għall-2040. Dwar is-CCU, il-Kummissjoni se tħares lejn l-użu tal-karbonju bħala riżorsa u kif ukoll lejn it-trattament tas-CCU fl-ETS. Dwar l-infrastruttura tat-trasport tas-CO<sub>2</sub>, bħala faċilitatur ewleni għall-perkorsi teknoloġiċi kollha, il-Kummissjoni biħsiebha taħdem fuq mekkaniżmu ta' ppjanar tan-network u potenzjalment tipproponi pakkett regolatorju tat-trasport. Fl-istess ħin, se ssir ħidma biex jiġu żviluppanti regoli tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet, biex jiġu stabbiliti standards minimi għall-flussi tas-CO<sub>2</sub> u biex jiġu żviluppanti linji gwida għat-trasport marittimu. Għat-teknoloġiji kollha, huma proposti azzjonijiet abilitanti, bħal investimenti u finanzjament, sensibilizzazzjoni pubblika, riċerka u innovazzjoni, kif ukoll kooperazzjoni transfruntiera. Se naħdem mill-qrib mal-Istati Membri favur dawn l-oġettivi, b'mod partikolari biex nattiraw l-investimenti privati meħtieġa għall-użu tal-infrastruttura tas-CO<sub>2</sub>.

Rigward ir-rieżami tal-istandards tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi u l-vannijiet, jekk jogħġbok ara t-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 7.

*11. X'azzjonijiet tipprevedi biex tingħata spinta lid-domanda tal-UE għal teknoloġija nadifa magħmula fl-Ewropa u kif se tappoġġja l-ktajjen tal-valur tal-UE għall-manifattura tat-teknoloġija nadifa inkluż permezz ta' miżuri min-naħa tal-provvista? X'livell u taħlita ta' investment privat u pubbliku tqis li huma meħtieġa, u kif tivvaluta r-rwol speċifiku tal-istrumenti finanzjarji tal-UE? Kif se tnaqqas id-dipendenzi tal-UE b'mod partikolari fuq iċ-Ċina? X'qafas se tipproponi biex ikompli jitnaqqas u jiġi eliminat gradwalment l-użu tas-sussidji għall-fjuwils fossili bħala parti mill-ħidma biex jitnaqqas id-dipendenzi tal-Ewropa? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM)? X'miżuri tipprevedi għall-kompetittività tas-settur awtomobilistiku Ewropew?*

**Il-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS se jkun essenzjali biex tingħata spinta lit-teknoloġija nadifa tal-UE.** Kif diġà għamilna, se nkomplu norganizzaw sejħiet iffukati fuq it-teknoloġiji nodfa, inkluża l-manifattura tagħhom, bi kriterji ta' reżiljenza xierqa fid-dawl tal-oġettivi tal-NZIA (Net-Zero Industry Act, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti). Il-proposti ta' proġetti sottomessi lill-Fond għall-Innovazzjoni u li jaqbz u l-limiti minimi ta' evalwazzjoni definiti fis-sejħiet se jirċievu s-Siġill (ta' Sovranità) STEP introdott bħala parti mill-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform),



irrispettivament minn jekk il-proposta tiksibx, jew le, finanzjament fil-kuntest tal-Fond għall-Innovazzjoni. Is-Siġill għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess ta' dawk il-proġetti għal opportunitajiet oħra ta' finanzjament, inkluż bħala parti mill-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Fir-rigward tat-**taħlita ta' finanzjament privat u pubbliku**, il-finanzjament privat għandu jkopri l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jkun hemm argument għall-vijabbiltà għall-investment privat. Biex dan jiġi żgurat, huwa kruċjali: l-ewwel nett, li tittejjeb il-profondità tas-swieq kapitali privati kif issuġġerit kemm fir-rapport ta' Letta kif ukoll f'dak ta' Draghi; it-tieni, li jiżdied il-finanzjament sostenibbli, b'mod partikolari l-finanzjament tat-tranżizzjoni; u t-tielet, li tiġi żgurata l-bankabbiltà tal-akbar numru possibbli ta' investimenti fid-dekarbonizzazzjoni. Il-finanzjament pubbliku għandu jkun limitat għall-objettivi msemmija l-aħħar u għal dawk l-investimenti fejn il-bankabbiltà ma tistax tiġi żgurata mod ieħor (pereżempju fil-każ ta' xi investimenti infrastrutturali).

Kull meta l-problema għall-investment privat tkun waħda ta' aċċess għall-finanzi, l-istrumenti finanzjarji għandhom jingħataw preferenza fuq l-għotjiet. InvestEU wera l-valur miżjud li ġġib magħha għodda tal-UE biex jiġi ingranat il-finanzjament privat.

Il-Fond għall-Innovazzjoni huwa eżempju ieħor ta' strument li jiffunzjona tajjeb biex jiġi ingranat il-finanzjament privat għall-investimenti fi proġetti industrijali aktar riskjużi. Is-sejbien ta' modi aħjar biex l-għotjiet jiġu kkombinati ma' strumenti finanzjarji jista' jirriżulta f'użu aktar kosteffettiv tal-fondi pubbliċi, u jista' wkoll jaċċellera l-ilħuq ta' għeluq finanzjarju għall-kumpaniji. Iż-żieda tal-finanzi sostenibbli, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni u r-reżiljenza, hija kritika wkoll. Barra minn hekk, l-iffaċilitar tad-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-korporazzjonijiet u l-investituri, u pjanijiet ta' tranżizzjoni kredibbli u allinjati mal-liġi dwar il-klima, se jikkontribwixxu biex il-flussi finanzjarji jinbidlu sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi klimatiċi u tat-tkabbir tagħna.

**Il-politika kummerċjali** għandha rwol x'taqdi fl-għoti ta' appoġġ lill-industriji intensivi fl-enerġija hekk kif jiddekarbonizzaw u biex l-industriji tat-teknoloġija nadifa jiddiversifikaw, u biex tagħti spinta lill-opportunitajiet ta' esportazzjoni, tiproteġi kontra l-kompetizzjoni inġusta u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti. Fir-rigward tat-teknoloġija nadifa, setturi differenti jiffaċċjaw sfidi differenti f'termini ta' kompetizzjoni globali, fejn il-politika kummerċjali tista' tappoġġahom billi tiftaħ opportunitajiet ta' esportazzjoni, tiddefendi s-suq tal-UE jew tiżgura l-provvista, b'mod partikolari ta' materja prima kritika. L-UE hija esportatur nett f'xi setturi tal-industrija b'emissjonijiet żero netti. Pereżempju, fis-settur tal-enerġija mir-riħ, abbażi ta' *data* tal-2022, l-industrija tal-UE għandha madwar 30 % tas-sehem mis-suq globali. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li jiġi promoss l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi għall-industrija tagħna wkoll.

It-tnaqqis tad-dipendenzi tal-UE jirrigwarda kemm il-promozzjoni tal-kompetittività u tal-kapaċità ta' innovazzjoni interni tagħna, kif ukoll il-ħolqien ta' sħubijiet biex jinfetħu swieq u sorsi ġodda ta' provvista minn territorji oħra. Se nkomplu naħdmu mill-qrib mas-sħab bil-ħsieb li nsaħħu r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, kemm permezz tal-kooperazzjoni bilaterali bħal fil-każ tal-Grupp ta' Ħidma UE-Ġappun dwar il-ktajjen tal-provvista, kif ukoll plurilateralment (jiġifieri fil-kuntest tal-G7). Dawn l-isforzi se jissaħħu b'għodod eżistenti bħall-Global Gateway, u b'għodod ġodda, bħal Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa.

**Il-Kummissjoni ħadet passi importanti biex tindirizza d-dipendenzi fuq iċ-Ċina, iżda hemm bżonn li jsiru aktar sforzi.** Kemm l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti kif ukoll l-Att dwar il-Materja Prima Kritika jiffukaw fuq il-ħtieġa u l-mezzi biex tiġi diversifikata l-provvista ta' komponenti u materjali kritiċi, kif ukoll fuq il-ħtieġa għal bażi ta' manifattura suffiċjenti fl-UE. Bl-istess mod, ix-xahar li għadda, iproponejna r-regoli għall-irkant tal-idroġenu li jmiss fil-kuntest tal-Fond għall-Innovazzjoni, li se jkollu kriterji espliċiti li jippermettulna nsawru l-ktajjen tal-provvista diversifikati tagħna, inkluża l-produzzjoni tal-elettrolizzaturi fl-UE. Dan huwa kruċjali għaż-żamma tas-sigurtà tal-provvista kif ukoll tas-sigurtà tad-*data*. Il-Patt għal Industrija Nadifa għandu jippermettilna nindirizzaw dan aktar. Is-CBAM (carbon border adjustment mechanism, mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri), se jikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali tal-UE u jindirizza t-tħassib dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jippermetti investimenti f'industrija tal-UE dekarbonizzata. **Fir-rigward tas-sussidji għall-fjuwils fossili**, indikajt il-pożizzjoni tiegħi fit-tweġiba għall-mistoqsija 6.

**Fir-rigward tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri**, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tas-CBAM matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u lil hinn minnu. Se naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u għall-Istrateġija Industrijali u ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni biex inħejju l-atti delegati u ta' implimentazzjoni, kif meħtieġ skont ir-Regolament CBAM.

Dan se jiżgura l-implimentazzjoni bla xkiel tas-CBAM filwaqt li l-piż amministrattiv għall-atturi kollha involuti jinżamm f'livell minimu, b'mod partikolari għall-SMEs. Se niżgura li l-Kummissjoni tkompli tisma' lill-partijiet ikkonċernati, inklużi n-negozji u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, iżda wkoll lill-pajjiżi terzi sħab, peress li rridu li l-miżuri ta' implimentazzjoni jkunu kemm jista' jkun effettivi u effiċjenti. Se niżgura li l-Kummissjoni tqis it-tagħlimiet kollha meħuda mill-perjodu ta' tranżizzjoni attwali. Se nippreżentaw rapport ta' rieżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tmiem is-sena li jmiss. Ir-rapport se jinkludi valutazzjoni tal-estensjonijiet possibbli tas-CBAM għal aktar merkanzija, tal-estensjoni potenzjali tal-kopertura tal-emissjonijiet indiretti għas-setturi kollha koperti, tal-governanza tas-CBAM, u tal-impatt internazzjonali tar-regolament fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u speċjalment fuq il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati.

Fl-aħħar nett, il-**kompetittività tas-settur awtomobilistiku Ewropew** hija ta' importanza kritika għall-ekonomija tal-UE. Dan huwa responsabbli għal aktar minn 7% tal-PDG u jipprovdi, kemm direttament kif ukoll indirettament, madwar 13-il miljun impjeg. Huwa essenzjali li jiġi stabbilit il-qafas xieraq biex il-kompetittività tal-industrija tal-UE tiġi appoġġata matul din it-tranżizzjoni.

L-istandards tas-CO<sub>2</sub>, kemm għall-karozzi u l-vannijiet kif ukoll għall-vetturi heavy-duty, jipprovdu lis-suq b'ċertezza u prevedibbiltà fit-tul b'rabta mal-iskala tat-trasformazzjoni meħtieġa fis-settur awtomobilistiku. Dan iwassal għal investimenti f'teknoloġiji nodfa, fl-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur ġodda fl-UE, fl-infrastruttura kif ukoll fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema. Diġà ddaħħlu fis-seħħ azzjonijiet oħra biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni b'suċċess lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet, u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom se tkun kruċjali, inkluż: ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (biex jiġi jitħaffef l-użu tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil), ir-Regolament dwar il-Batteriji (biex jiġi żgurati li l-batteriji introdotti fis-suq tal-UE jkunu sostenibbli u ċirkolari matul il-ħajja tagħhom), l-Att dwar il-Materja Prima Kritika (biex jiġi żgurati l-aċċess għal provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika), u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji (biex tiġi żgurata l-modernizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku għall-integrazzjoni tal-elettromobbiltà). Se jkunu meħtieġa wkoll aktar inizjattivi biex tiġi appoġġata l-kompetittività tas-settur, u f'dak ir-rigward, jekk niġi kkonfermat, naħdem b'mod partikolari ma' Kummissarji oħra fuq il-Patt għal Industrija Nadifa bil-ħsieb li jiġi sfruttat l-investment, li jinħolqu swieq ewlenin għat-teknoloġija nadifa u li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet biex il-kumpaniji jikbru u jikkompetu. L-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dearbonizzazzjoni Industrijali se jkollu l-għan li jidderieġi investimenti u appoġġ ulterjuri lill-industriji li għaddejjin minn din it-tranżizzjoni, u b'mod partikolari li jaċċellera l-proċessi relatati tal-ippjanar, tal-offerti u tal-ħruġ tal-permessi. Fl-aħħar nett, se nikkontribwixxi għall-kompitu tal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu li jiġi żviluppat pjan industrijali tal-UE għas-settur awtomobilistiku.

### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

12. L-ittra ta' missjoni tiegħek issemmi li inti "se tkompli ssaħħaħ il-qafas għal tranżizzjoni soċjali u ġusta". Il-qafas attwali għal tranżizzjoni ġusta fil-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa taħlita ta' strumenti ta' gwida, monitoraġġ u finanzjament. Fid-dawl tal-ispejjeż għoljin tal-enerġija u tal-għajxien u l-inugwaljanzi li qed jiżdidu, l-UE għandha tistabbilixxi qafas aktar ambizzjuż u robust, inklużi miżuri vinkolanti, u tindirizza d-dimensjonijiet ambjentali u soċjali b'mod komplementari mill-bidu nett.

Bħala Kummissarju nnominat għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, x'azzjonijiet leġiżlattivi konkreti se tieħu biex tiżgura tranżizzjoni soċjali u ġusta għal kulħadd? X'miżuri se tipproponi bħala parti minn qafas imsaħħaħ ta' tranżizzjoni ġusta u kif se tippromwovi d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà ta' prodotti u servizzi sostenibbli? Kif se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli ta' kwalità, l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi u l-infurzar tad-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema? U kif se tinvolvi lis-sħab soċjali f'dak ix-xogħol?

It-tranżizzjoni mhux se tirnexxi jekk ma tkunx ġusta. **Fil-mandat preċedenti, ippreżentajna miżuri importanti li jqiegħdu l-ġustizzja fil-qofol tal-Patt Ekoloġiku Ewropew**, b'finanzjament mogħti u ppjanat b'mod partikolari permezz tal-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali għall-Klima. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika pprovdiet gwida konkreta lill-Istati Membri dwar kif għandhom jindirizzaw l-aspetti soċjali u tal-impjiegi tat-tranżizzjoni. Naqqaxna elementi importanti dwar l-ekwità, bħall-indirizzar tal-faqar enerġetiku, f'inizjattivi bħad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Għad hemm aktar xi jsir. Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva u mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza sabiex nimmassimizza l-użu tal-istrumenti eżistenti, bħall-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima, għal dak l-għan. Fir-rieżami tar-

Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, se nħares lejn it-tisħiħ tal-miżuri li bihom jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet relatati mat-tranżizzjoni ġusta. Se naħdem mill-qrib mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ biex niżgura tranżizzjoni ġusta għal kulħadd u biex noħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għall-kumpaniji biex jintlaħqu l-għanijiet komuni tagħna, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni tal-monitoraġġ u tal-implimentazzjoni fil-prattika u b'analiżi dwar lakuni possibbli u l-kisba ta' triq' il quddiem konġunta u proattiva.

**Il-finanzjament** huwa kruċjali għal tranżizzjoni ekwa u ġusta. It-tisħiħ tal-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej jikkonċerna wkoll il-ħolqien tal-impjiegi u l-attrezzar tan-nies biex jimmaniġġjaw il-bidla b'suċċess. L-investimenti meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika ta' suċċess jinkludu dawk li jappoġġaw lin-nies u lill-kumpaniji fit-tranżizzjoni. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu pprovduti l-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet li se jippermettullhom jaftu l-opportunitajiet u jiffaċċjaw l-isfidi tat-tranżizzjoni. L-ewwel prijorità se tkun li jiġi żgurat l-użu tar-riżorsi disponibbli permezz tan-NextGenerationEU u l-baġit attwali. Flimkien mal-kollegi tiegħi, se niżgura li l-Fond Soċjali għall-Klima jagħti riżultati sa mit-tnedija tiegħu biex jappoġġa lill-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari dawk affettwati mill-faqar enerġetiku jew mill-faqar tat-trasport. Mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, nappoġġa l-impenn tal-President fil-Linji Gwida Poliċi 2024-2029 li żżid b'mod sinifikanti l-finanzjament għal tranżizzjoni ġusta fil-baġit fit-tul kollu. Se naħdmu flimkien għal baġit fit-tul aktar sempliċi, aktar iffukat u aktar reattiv li jirrifletti l-prijoritajiet strateġiċi Ewropej u l-ambizzjoni tagħna li nkunu Kummissjoni orjentata lejn l-investimenti.

Fir-rigward tal-kwistjoni wiesgħa ta' **prodotti u servizzi sostenibbli**, il-qafas tal-Ekodisinn tal-Prodotti Sostenibbli jippermetti li tiżdied il-ħidma importanti tal-istabiliment ta' standards għall-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija, biex b'hekk jiġi evitat li l-prodotti li jikkawżaw kontinwament tal-enerġija eċċessivi jkunu jistgħu jinbiegħu. Ħafna rekwiżiti eżistenti jeħtieġu aġġornament, peress li t-teknoloġiji disponibbli qed jitjiebu b'mod kostanti, u jiena lest li nappoġġa din il-ħidma bis-sħiħ. Permezz ta' dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' tiswiġa, iżda wkoll dwar il-funzjonalità ġenerali, u dwar l-evitar ta' emissjonijiet perikolużi, se niproteġu lill-konsumaturi minn kostijiet indebiti, u se nkomplu neliminaw prodotti mhux sostenibbli u dannużi mis-suq. B'mod parallel, it-tikkettar aġġornat tal-enerġija u tas-sostenibbiltà, appoġġat mill-Passaport Diġitali tal-Prodotti tal-UE futur, se jippermetti lill-konsumaturi jagħżlu prodotti bl-inqas kostijiet totali tas-sjieda u tal-impronta ambjentali. Se naħdmu wkoll mal-Istati Membri biex intejbu s-sorveljanza tas-suq u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija, u biex nipprevjenu l-frodi. Fid-dawl tal-implimentazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi li bħalissa hija soġġetta għal kodeċizzjoni, se naħdmu biex nipproponu regoli ċari kontra l-greenwashing tal-klima, filwaqt li nippermettu lill-kumpaniji u lill-konsumaturi jidentifikaw prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-klima. Għall-prodotti tal-kostruzzjoni u l-prodotti industrijali ewlenin, se nipprovdur informazzjoni affidabbli dwar l-impronta klimatika, u b'hekk inkunu nistgħu noħolqu swieq ewlenin għall-industrija Ewropea. Meta tiġi indirizzata l-affordabbiltà ta' prodotti sostenibbli, huwa essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu lill-persuni l-aktar vulnerabbli, u li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-oġġetti u s-servizzi. Se nikkoopera mill-qrib ma' Kummissarji oħra, l-ewwel nett mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni, biex inrawmu akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, kif ukoll enerġija orħos u nadifa. Il-Fond Soċjali għall-Klima għandu rwol ewleni x'jaqdi f'dak ir-rigward. Flimkien mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni u l-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, se nħares ukoll lejn it-tassazzjoni u s-sussidji fuq il-fjuwils fossili dannużi. Irridu ntejbu l-inċentivi attwali biex nimxu lil hinn mill-fjuwils fossili u niddirreġu mill-ġdid ir-riżorsi rilevanti lejn investimenti fid-dekarbonizzazzjoni u fit-tranżizzjoni ġusta.

Filwaqt li naħdem fuq it-tranżizzjoni ġusta, se nimplimenta l-prinċipju li stabbiliet il-President fil-Linji Gwida Poliċi tagħha li "**n-nies u l-impjiegi tagħhom dejjem iridu jibqgħu fil-qalba tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna** anke hekk kif l-industrija u l-ekonomija tagħna jinbidlu". It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika se tkompli tiġġenera ħtiġijiet addizzjonali b'rabta mal-ħiliet, kemm f'setturi "nodfa" ġodda, kif ukoll fit-trasformazzjoni ta' dawk eżistenti. Dawn il-ħtiġijiet addizzjonali joħorġu f'kuntest ta' nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet, u ta' ħtiġijiet ta' sostituzzjoni dejjem akbar minħabba forza tax-xoġhol li qed tixjieħ. Se naħdem flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex l-UE ssir **Unjoni tal-Ħiliet**.

Nemmen li ma jstax ikun hemm tranżizzjoni ġusta jekk ma nisimgħux lil dawk li qed jiffaċċjaw l-akbar sfidi. Se **nimpenja ruħi mas-sħab soċjali** biex niddiskutu kif negħlbu l-ostakli importanti għat-tranżizzjoni u se niżgura l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja. B'mod partikolari, se nikkontribwixxi għall-ħidma fuq il-**Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità**, li se jiġi żviluppat flimkien mas-sħab soċjali. Fejn rilevanti, se nappoġġa wkoll lill-kollegi tiegħi biex niżguraw li d-drittijiet eżistenti tal-UE fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema jiġu applikati u infurzati sabiex ikun hemm kontribut għal tranżizzjoni soċjali u ġusta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli ttipprovi appoġġ finanzjarju għall-proġetti tas-sħab soċjali biex tiżgura li dawn id-drittijiet japplikaw fil-prattika biex jakkumpanjaw il-bidliet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni.

Fl-aħħar nett, irridu nimmaniġġjaw ir-**riskji klimatiċi** għas-salvagwardja u t-titjib tal-istandards tal-għajxien, biex tiġi miġġielda l-inugwaljanza u biex in-nies jiġu protetti. Filwaqt li nibni fuq il-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi, se naħdem fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza ġusta permezz tal-Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima li jmiss. Filwaqt li naħdem ma' Kummissarji oħra, se nħares lejn il-potenzjal għal għodod fil-livell tal-UE li jistgħu jgħinu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex iġibu l-informazzjoni dwar ir-riskji klimatiċi fil-proċessi demokratiċi tagħhom, u biex jiffasslu reżiljenza ġusta u politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima soċjalment ekwi.

### Mistoqsija mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

13. Il-President von der Leyen inkarigat lill-Kummissarju futur għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-qafas legali eżistenti dwar il-klima għall-2030, inklużi r-rieżamijiet li jmiss kif ukoll jiżgura biżżejjed investimenti fl-infrastruttura Ewropea b'emissjonijiet zero netti. Kif biħsiebek tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni xierqa u f'waqtha tal-leġislazzjoni relatata mat-trasport filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tat-trasport Ewropej, il-kompetittività tas-settur tat-trasport Ewropew u impjegi ta' kwalità għolja u attraenti fl-Ewropa? X'ikunu l-istrateġija u l-iskeda ta' żmien tiegħek biex jiġu żgurati biżżejjed investimenti, inklużi f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, fjuwils, infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport?

It-trasport huwa s-sinsla tal-ekonomija tal-Ewropa u faċilitatur tal-mobbiltà tan-nies. Is-settur tat-trasport jikkontribwixxi madwar 5 % għall-PDG tal-UE u jimpjega aktar minn 10 miljun persuna. Jiffaċilita t-tkabbir b'mod dirett f'setturi oħra. It-turiżmu jiddependi fuq il-konnettività biex it-3.5 miljun intrapriża u l-20.4 miljun impjegat involuti fih jirnexxu, u l-Ewropa għadha d-destinazzjoni ewlenija fid-dinja kollha.

Madankollu, it-trasport iġib miegħu wkoll kost għas-soċjetà tagħna u għall-ambjent. **It-trasport huwa l-uniku settur ewlieni fl-ekonomija tal-UE fejn l-emissjonijiet għadhom ogħla milli kieku fl-1990**, minħabba, fil-biċċa l-kbira, żieda sinifikanti fid-domanda għat-trasport. It-tweġiq tal-mira tal-UE ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u tal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 jeħtieġ politiki u azzjoni ambizzjużi biex jiġi żgurat tnaqqis rapidu u suffiċjenti fl-emissjonijiet mis-setturi kollha, inkluż it-trasport. Kif muri fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt għall-miri tal-2040 u l-2050, biex tintlaħaq in-newtralità klimatika, l-emissjonijiet tat-trasport jeħtieġ li jitnaqqsu b'90 % sal-2050. Din it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero, kemm għall-persuni kif ukoll għall-merkanzija, toffri opportunitajiet kbar għal kwalità tal-ħajja aħjar permezz ta' tnaqqis fit-tniġġis, u biex l-industrija Ewropea fil-ktajjen tal-valur kollha tkompli bl-innovazzjonijiet tagħha u toħloq impjegi ta' kwalità għolja. Dan huwa kruċjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industriji tagħna u biex dawn jiġu megħjuna jsegwu tmexxija globali hekk kif swieq oħra qed jimxu b'pass mgħaġġel lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet. It-tranżizzjoni ekoloġika għandha tiġi implimentata b'mod li ma tipperikolax il-konnettività, u li anzi ttejjeb kemm il-konnettività kif ukoll l-aċċess affordabbli għal għażliet ta' trasport sostenibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE.

Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu biex inwettaq l-aspetti differenti.

F'dan il-kuntest, l-UE daħħlet fis-seħħ **qafas komprensiv għat-tranżizzjoni**, ibbażat fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, u issa huwa essenzjali li nimxu 'l quddiem bl-implimentazzjoni tiegħu. Fir-rigward tat-trasport bit-triq, l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi jistabbilixxu miri ċari: mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 100 % għal karozzi u vannijiet ġodda kif ukoll għal karozzi tal-linja urbani rreġistrati fl-UE mill-2035 'il quddiem, u mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 90 % għall-vetturi heavy-duty sal-2040. Id-domanda għal vetturi b'emissjonijiet zero qed tiżdied f'livell globali, u għalhekk hemm bżonn li jkomplu jiġu xprunati l-investimenti fit-teknoloġiji, fl-infrastruttura, fil-ħiliet u fl-iżvilupp tal-ktajjen tal-valur il-ġodda, sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tal-UE fit-tranżizzjoni globali lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet. F'dak ir-rigward, l-istabbiltà u l-implimentazzjoni tal-istandards tas-CO<sub>2</sub> huma kruċjali, peress li jipprovdu prevedibbiltà ċara fit-tul għall-introduzzjoni tal-investimenti meħtieġa fis-settur. Kif imħabbar fil-linji gwida politiċi u kif ġie kkonfermat fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se ssir emenda mmirata tar-regolament bħala parti mir-rieżami previst, sabiex l-E-fjuwils ikollhom rwol fl-approċċ teknoloġikament newtrali. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju għat-trasport bit-triq bl-**ETS2** se tikkomplementa l-istandards tas-CO<sub>2</sub> (kif ukoll politiki oħra bħall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli) b'inċentivi ekonomiċi għall-investimenti. Ninsabu lesti biex nibdew il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet f'Jannar 2025. Il-Kummissjoni qed tipprovi appoġġ lill-Istati Membri biex jibdew is-sistema bla xkiel, u biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi madwar l-UE.

L-UE daħħlet fis-seħħ ukoll miżuri ta' appoġġ, inkluż ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u r-Regolament dwar il-Batteriji, li se jiżguraw l-użu tal-infrastruttura tal-irriċarġjar meħtieġa għall-vetturi

b'emissjonijiet żero madwar l-Ewropa, biex b'hekk tkompli żżid l-attrawenza tagħhom għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-industrija tal-UE, fejn ikun ġustifikat, il-Kummissjoni se tuża wkoll strumenti għad-difiża tal-kummerċ, kif għamlet bil-miżuri antisussidji fuq il-karozzi elettriċi importati miċ-Ċina.

Ir-rwol akbar tal-**ipprezzar tal-karbonju għall-avjazzjoni u l-introduzzjoni tiegħu għat-trasport marittimu** se jtejjeb il-kundizzjonijiet ekwi għal soluzzjonijiet tat-trasport dekarbonizzati f'dawn is-setturi, li jibqgħu kritiċi għal dawn is-setturi internazzjonali. Din hija r-raġuni għalix l-EU ETS hija bbażata fuq trattament ugwali fuq ir-rotot għal-linji tal-ajru kollha, u ma tippreġudikax bejn il-bnadar għat-trasport marittimu. F'livell internazzjonali, il-Kummissjoni qed taħdem biex iżżid l-ambizzjoni billi ssaħħaħ l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA, Carbon Offsetting and Reduction Scheme for International Aviation) u tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi. Fl-istess ħin, l-EU ETS tinkludi salvagwardji għall-kompetittività tal-linji tal-ajru tagħna. L-EU ETS hija kkomplementata minn miżuri oħra li jinċitaw id-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni, b'mod partikolari r-Regolament dwar ReFuelEU Aviation, l-Alleanza għall-Inġenji tal-Ajru b'Emissjonijiet Żero, u l-Alleanza Industrijali tal-Katina tal-Valur tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju.

Fil-każ tat-trasport **marittimu**, ir-Regolament FuelEU Maritime u l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu jinkwadraw it-tranżizzjoni tas-settur lejn enerġija nadifa u jippreżentaw opportunitajiet industrijali u ta' kompetittività sinifikanti għall-katina tal-valur sħiħa tal-UE fil-kuntest tat-trasport marittimu. B'dan il-qafas regolatorju b'saħħtu tal-UE fis-seħħ flimkien mal-miżuri biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' evazzjoni, l-industrija tal-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex issir mexxejja fit-trasport fuq l-ilma sostenibbli u msaħħaħ b'mod diġitali. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-fatturi li għandhom impatt fuq il-kompetittività tas-settur kif ukoll l-opportunitajiet u l-isfidi futuri marbuta mat-tranżizzjoni tal-enerġija tiegħu. Se nappoġġa lill-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu fl-iżvilupp tal-istrateġija industrijali marittima u se nikkontribwixxi għall-ħidma tiegħu biex jinkiseb sett komprensiv ta' miżuri fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fuq l-ilma sal-2050.

Il-kompetittività tal-kumpaniji tat-trasport Ewropej tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati u mħarreġ. Se naħdem mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu biex nindirizzaw in-nuqqas attwali ta' ħaddiema fis-settur u nwiegħbu għall-isfidi marbuta mat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xoġhol fil-modi kollha tat-trasport. Jekk niġi kkonfermat, nappoġġa l-ħidma mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex dawn jintensifikaw l-isforzi tagħhom ħalli jiżguraw li l-forza tax-xoġhol ikollha l-ħiliet meħtieġa sabiex hija wkoll tadatta għat-teknoloġija ġodda u għall-innovazzjoni. Inkompli nappoġġa wkoll il-ħidma tas-sħubijiet dwar il-ħiliet fuq skala kbira tal-Patt għall-ħiliet b'rabta mat-Teknoloġija Awtomobilistika u t-Teknoloġija tal-Bini tal-Bastimenti u Marittima. Programmi u fondi bħall-Fond Soċjali Ewropew+ u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jirrappreżentaw opportunitajiet importanti.

Il-**Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS** kellu rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni filwaqt li żamm il-kompetittività tas-settur tat-trasport. Għall-avjazzjoni, ġie stabbilit inċentiv addizzjonali ta' 20 miljun kwota tal-emissjonijiet tal-ETS biex jitħaffef l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Għas-settur tat-trasport bil-baħar, hemm disponibbli 20 miljun kwota tal-ETS biex jiġu appoġġati l-investimenti fis-settur sal-2030. L-investimenti fil-produzzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, laneċ elettriċi, u servizzi ta' tiġdid tal-flotot biex il-bastimenti eżistenti jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew fl-użu ta' soluzzjonijiet ta' assistenza għall-propulsjoni assistita mir-riħ magħmula mill-UE, huma eżempji tajbin ta' potenzjal kbir biex azzjoni klimatika effiċjenti tiġi kkombinata ma' tmexxija fil-qasam industrijali. Minbarra l-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS, il-Fond għall-Modernizzazzjoni, iffinanzjat ukoll mid-dħul tal-EU ETS, jista' jiffinanzja infrastruttura ta' mobbiltà mingħajr emissjonijiet fi 13-il Stat Membru b'introjt aktar baxx. Id-dħul mill-ETS jista' jintuża mill-Istati Membri biex jinvestu fl-azzjoni klimatika fis-settur tat-trasport. Xi Stati Membri diġà qed jużaw sehem sinifikanti għalih.

Kmieni fil-mandat, se nappoġġa l-adozzjoni ta' **Patt komprensiv dwar l-Investment fit-Trasport Sostenibbli** li jiddeskrivi approċċ strateġiku biex jiżdedu u jiġu prijoritizzati l-investimenti f'soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni tat-trasport, b'mod partikolari għal setturi diffiċli sabiex jitrażnu bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu u biex jiġi żgurat aċċess għal provvisti tal-enerġija rħas, sostenibbli u siguri. Huwa importanti li jiġu żviluppati strumenti madwar l-Ewropa kollha biex tiġi evitata taħlita ta' strumenti nazzjonali li ttriskja li tfixxkel is-suk intern jew li toħloq kompetizzjoni fis-sussidji bejn l-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, modi tat-trasport nodfa, bħall-ferroviji, jistgħu jipprovdu alternattivi għal ħafna vjaġġi kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, u jeħtieġ li dawn jiġu integrati aħjar fis-sistema tat-trasport.

## **Qafas tat-Taxxa għas-Settur Finanzjarju tal-UE**

*14. L-ittra ta' missjoni tiegħek tiddikjara li "se tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għal qafas tat-taxxa koerenti għas-settur finanzjarju tal-UE". X'bidliet speċifiċi fil-politika tat-taxxa tal-UE se tipproponi biex i) jinkiseb tali qafas tat-taxxa ii) jiżded l-investment privat u jitnaqqsu l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa minn kumpaniji u individwi iii) tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa biex tiġi żgurata t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investment transfruntier u biex tiżded l-ekwità fil-finanzjament tan-negozju, u b'hekk titħaffef it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u iv) titkompla r-riforma tat-tassazzjoni korporattiva fl-UE? Kif tara r-rwol tal-armonizzazzjoni tat-taxxa fuq il-kapital fil-kuntest tal-iżvilupp tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, kif previst fir-rapport Letta?*

Is-settur finanzjarju għandu rwol kritiku fl-ekonomija. Lil hinn mill-importanza materjali tiegħu fil-ħolqien tal-impjiegi (4.9 miljun fl-2023) u l-PDG (EUR 618 biljun, madwar 4.3 % tal-PDG tal-UE fl-2022), huwa jiġbor it-tfaddil u jidderiġih mill-ġdid permezz ta' finanzjament u investimenti b'mod li jmur lura għand iċ-ċittadini u l-korporazzjonijiet. Dan ir-rwol tal-intermedjazzjoni huwa kruċjali, u l-funzjonament xieraq tas-servizzi finanzjarji huwa ta' importanza strumentali biex ikun hemm tkabbir ekonomiku reżiljenti permezz tal-finanzjament effiċjenti tal-ekonomiji tagħna, inkluż l-innovazzjoni. Għaldaqstant, huwa element kostitwenti essenzjali tal-kompetittività Ewropea. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, nistinka biex ir-regoli tat-tassazzjoni jiġu modernizzati sabiex jappoġġaw il-funzjonijiet ewlenin li s-sistema finanzjarja twettaq fl-ekonomija.

Ittieħed pass importanti matul il-mandat tal-Kummissjoni preċedenti. Id-Direttiva FASTER (Faster and Safer Relief of Excess Withholding Taxes, Helsen Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi) fil-qasam tal-proċeduri tal-ħelsien mit-taxxa f'ras il-għajn ġiet adottata mill-Kunsill. Dan diġà huwa pass importanti ħafna fid-direzzjoni t-tajba u pass ta' tranżizzjoni importanti għall-Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investment, kif previst fil-linji gwida politiċi. Id-Direttiva FASTER se tiffaċilita u tħaffef il-ksib tar-rifużjonijiet mill-investituri fuq it-taxxi f'ras il-għajn eċċessivi, u b'hekk tevita t-tassazzjoni doppja. Tinkludi wkoll proċeduri robusti ta' ħelsien għall-ġlieda kontra l-abbuż tat-taxxa għall-benefiċċju tal-investituri, tal-intermedjarji finanzjarji u tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa. B'dawn il-proċeduri standardizzati l-investituri se jiffrankaw madwar EUR 5.17 biljun fis-sena.

Madankollu, jeħtieġ li jsir iktar. Għal din ir-raġuni, se nimmira li nħares b'mod komprensiv lejn il-qafas tat-taxxa attwali u se nipproponi riformi kull fejn dawn ikunu meħtieġa. Sar ħafna mil-lat regulatorju biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mat-teħid ta' riskju eċċessiv mis-settur finanzjarju u biex jittaffew il-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja. Għall-ġejjieni, huwa daqstant importanti li jiġi żgurat li r-regoli tat-taxxa applikabbli għas-settur finanzjarju jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tal-UE, u li jtejbju l-kompetittività tal-UE.

Ir-regoli tat-taxxa applikabbli għas-settur finanzjarju jvarjaw b'mod sostanzjali madwar l-Unjoni, u l-fatt li l-Istati Membri japplikaw diversi taxxi speċifiċi għas-settur johlq kumplessità u distorsjonijiet fis-Suq Uniku. In-negozji li joperaw fis-settur finanzjarju tal-UE huma esposti għal taħlita ta' taxxi settorjali mhux armonizzati, inklużi Taxxi fuq il-Primjums tal-Assigurazzjoni, imposti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, taxxi speċjali fuq il-pagi u taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, minbarra t-taxxi applikati għall-ekonomija kollha bħat-taxxa korporattiva fuq l-introjt. Fl-UE, ħafna servizzi finanzjarji huma eżentati mill-VAT. Din l-eżenzjoni, li hija obbligatorja skont id-Direttiva tal-UE dwar il-VAT, ilha fis-seħħ għal aktar minn 40 sena u, f'ċerti aspetti, hija skaduta. Tabilħaqq, l-integrazzjoni dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fl-industrija finanzjarja u fis-soċjetà usa' qed tirriżulta f'servizzi ġodda li ma kinux jeżistu meta ġie adottat il-qafas tat-taxxa attwali. Din l-eżenzjoni mhijiex qed twassal biex is-settur finanzjarju jkun sottotaxxat, peress li l-VAT hija newtrali f'termini ta' kostijiet għan-negozji.

Fid-dawl ta' dan, jekk niġi kkonfermat, niżgura li r-riflessjoni dwar ir-regoli xierqa għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tkopri l-aspetti kollha msemmija hawn fuq, inkluża l-VAT u jekk ir-regoli nazzjonali dwar it-taxxi settorjali applikati fl-Istati Membri kollha tal-UE jfjixklux l-operazzjonijiet transfruntieri u jfjixklu d-diġitalizzazzjoni, il-kompetittività u l-innovazzjoni fis-Suq Uniku. Din hija r-raġuni għaliex tnieda studju fil-fond biex il-kwistjoni tiġi mistħarrġa. Peress li dan jista' jimplika bidliet fit-taxxi li bħalissa huma regolati bis-sħiħ fil-livell nazzjonali, se jirrikjedi riflessjoni wiesgħa, li tinvolvi lill-Istati Membri u lill-industrija finanzjarja.

Filwaqt li nagħraf id-diffikultajiet li jiffaċċjaw in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu appoġġati minn kapital ta' riskju jew minn forom oħra ta' kapital għall-espansjoni fl-aċċess għal sorsi ta' finanzjament fl-UE, nimpnija ruħi biex nistħarrġ għażliet differenti sabiex l-investituri jiġu inċentivati jinvestu f'kumpaniji jew f'attivitajiet innovattivi filwaqt li jitqiesu l-aħjar Prattiki globali.

Kwalunkwe inizjattiva jew proposta ġdida se tkun teħtieġ konsultazzjoni bir-reqqa, involviment mal-partijiet ikkonċernati kollha u valutazzjoni tad-diversi għażliet potenzjali. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, ninvolvi ruħi wkoll ma' Kummissarji u Viċi Presidenti Eżekuttivi oħra involuti, kif ukoll mal-Parlament, mal-Kunsill u mal-partijiet ikkonċernati.